

DIRETTIVA 2014/33/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Frar 2014

dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet

(riformulazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/16/KE tad-29 ta' Ġunju 1995 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-lifts ⁽³⁾, ġiet emendata sostanzjalment ⁽⁴⁾. Billi huma meħtieġa aktar emendi, fl-interess taċ-ċarezza, din id-Direttiva għandha tiġi riformulata.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ⁽⁵⁾ jistabbilixxi regoli dwar l-akkreditament tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, jipprovdi qafas għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti u għall-kontrolli fuq il-prodotti minn pajjiżi terzi, u jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-marka CE.
- (3) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ⁽⁶⁾ tistabbilixxi prinċipji komuni u dispożizzjonijiet ta' referenza intenzjonati biex japplikaw orizzontalment għal leġiżlazzjoni settorali

sabiex jipprovdu bażi koerenti għar-reviżjoni jew ir-riformulazzjonijiet ta' dik il-leġiżlazzjoni. Id-Direttiva 95/16/KE għandha tiġi adattata għal dik id-Deċiżjoni.

- (4) Il-liftijiet koperti minn din id-Direttiva jibdeu jeżistu biss bħala prodotti lesti ladarba jkunu ġew installati b'mod permanenti f'binji jew kostruzzjonijiet. Konsegwentement, il-liftijiet ma jistgħux jiġu importati fl-Unjoni u jiġu biss introdotti fis-suq u ma jsirux sussegwentement imqegħdin għad-disponibbiltà: m'hemm l-ebda "importatur" jew "distributtur" ta' liftijiet.
- (5) Din id-Direttiva tkopri komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu ġodda għas-suq tal-Unjoni Ewropea meta jiġu introdotti fis-suq; jiġifieri, dawn jew ikunu komponenti ta' sikurezza ġodda magħmula minn manifattur fl-Unjoni, inkella jkunu komponenti ta' sikurezza ġodda jew użati importati minn pajjiżi terzi.
- (6) Fit-8 ta' Ġunju 1995 il-Kummissjoni adottat ir-Rakkomandazzjoni Nru 95/216/KE tat-8 ta' Ġunju 1995 li tikkonċerna titjib fis-sigurtà tal-lifts eżistenti ⁽⁷⁾ għall-Istati Membri li tikkonċerna titjib fis-sigurtà tal-lifts eżistenti.
- (7) Din id-Direttiva għandha tapplika għall-forom kollha ta' provvista, inkluż il-bejgħ mill-bogħod.
- (8) L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli għall-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ma' din id-Direttiva, fir-rigward tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina ta' provvista, sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, u, fejn ikun xieraq, tas-sikurezza tal-proprjetà u sabiex jiggarrantixxu kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni.
- (9) L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li jintroduċu fis-suq biss liftijiet u jqiegħdu fis-suq biss il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu konformi ma' din id-Direttiva. Jeħtieġ li tkun prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu mar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-proċess tal-katina ta' provvista u ta' distribuzzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 105.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2014.

⁽³⁾ ĠU L 213, 7.9.1995, p. 1.

⁽⁴⁾ Ara l-Anness XIII, Parti A.

⁽⁵⁾ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

⁽⁶⁾ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

⁽⁷⁾ ĠU L 134, 20.6.1995, p. 37.

- (10) Sabiex tkun faċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-operaturi ekonomiċi jinkludu indirizz tal-websajt minbarra l-indirizz postali.
- (11) Il-manifattur u l-installatur, li jkollhom l-għarfien dettaljat tal-proċess ta' disinn u produzzjoni, huma fl-aħjar pożizzjoni biex iwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. Il-valutazzjoni tal-konformità għalhekk għandha tibqa' biss l-obbligu tal-manifattur jew tal-installatur.
- (12) Jeħtieġ li jkun żgurat li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jkunu konformi ma' din id-Direttiva, u b'mod partikolari li l-manifatturi jkunu għamli l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa fir-rigward ta' dawk il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet. Għalhekk għandha ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex ikun żgurat li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jintroduċu fis-suq ikunu konformi ma' din id-Direttiva u biex dawn ma jintroduċux fis-suq komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti jew li jipperzentaw xi riskju. Għandha ssir ukoll dispożizzjoni għall-importaturi biex ikun żgurat li jkunu saru l-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità li l-marki tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet u d-dokumentazzjoni magħmulin mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.
- (13) Meta jintroduċi komponent ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq, kull importatur għandu jindika, fuq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, ismu, l-isem kummerċjali reġistrat jew marka kummerċjali reġistrata tiegħu u l-indirizz postali fejn ikun jista' jsir kuntatt miegħu. Għandhom jsir provvedimenti għal eċċezzjonijiet fejn id-daqs jew in-natura tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jippermettux li dan isir.
- (14) Id-distributur iqiegħed fis-suq komponent ta' sikurezza għal-liftijiet wara li dan ikun ġie introdott fis-suq mill-manifattur jew mill-importatur u għandu jaġixxi bir-reqqa dovuta biex jiżgura li t-ttrattament tiegħu tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jolqotx ħażin il-konformità tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.
- (15) Kull operatur ekonomiku li jintroduċi komponent ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq f'ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu jew jimmodifika komponent ta' sikurezza għal-liftijiet b'mod li dan jista' jinċidi fuq il-konformità ma' din id-Direttiva, għandu jitqies bħala l-manifattur u għandu jassumi l-obbligi tal-manifattur.
- (16) Id-distributuri u l-importaturi, minħabba li huma qrib tas-suq, għandhom ikunu involuti fix-xogħol tas-sorveljanza tas-suq li jsir mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u għandhom ikunu lesti li jipparteċipaw b'mod attiv, billi jagħtu lil dawk l-awtoritajiet l-informazzjoni kollha neċessarja dwar il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati.
- (17) Meta tkun żgurata t-traċċabbiltà tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet fil-katina sħiħa ta' provvista dan jgħin biex is-sorveljanza tas-suq issir aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema ta' traċċabbiltà effiċjenti tiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq biex jittraċċaw l-operaturi ekonomiċi li jkunu qiegħdu fis-suq komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet mhux konformi. Meta tinżamm l-informazzjoni meħtieġa taħt din id-Direttiva għall-identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi oħra, l-operaturi ekonomiċi m'għandhomx ikunu mitluba li jaġġornaw din l-informazzjoni fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi oħra li jkunu pprovdewhom komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew ta' dawk li lilhom ikunu pprovdew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.
- (18) Din id-Direttiva għandha tkun limitata għall-espressjoni tar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza. Sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni ta' konformità għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ma' dawk ir-rekwiżiti hemm bżonn ta' dispożizzjoni għal preżunzjoni tal-konformità għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma f'konformità mal-istandards armonizzati li huma adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea ⁽¹⁾ għall-iskop biex ikunu espressi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti. Ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza ta' din id-Direttiva se jiggarrantixxu l-livell maħsub ta' sikurezza biss jekk ikun hemm proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa li jiżguraw il-konformità magħhom.
- (19) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jipprovdi għal proċedura għal oġġezzjonijiet kontra standards armonizzati fejn dawk l-istandards ma jissodisfawx kompletament ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.
- (20) L-istandards armonizzati rilevanti għal din id-Direttiva għandhom ukoll jieħdu kont tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà ⁽²⁾.
- (21) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu juru, u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiżguraw li l-liftijiet li jiġu introdotti fis-suq jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jitqiegħdu fis-suq huma konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza, hemm bżonn li jiġu previsti proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tistabbilixxi moduli għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jinkludu proċeduri mill-anqas sal-aktar stretti, fi proporzjon mal-livell ta' riskju involut u l-livell ta' sikurezza meħtieġ. Sabiex tkun żgurata l-koerenza intersettorjali u biex ikunu evitati varjanti ad hoc, il-proċeduri dwar il-valutazzjoni tal-konformità għandhom jintgħażlu minn fost dawk il-moduli.

⁽¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

⁽²⁾ Approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35).

- (22) L-installatur jew il-manifattur għandhom jimlew dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE biex jipprovdu l-informazzjoni rikjesta taħt din id-Direttiva dwar il-konformità ta' lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma' din id-Direttiva u ma' leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti oħra tal-armonizzazzjoni.
- (23) Biex jiġi żgurat aċċess effettiv għal informazzjoni għall-iskop tas-sorveljanza tas-suq, l-informazzjoni mitluba biex ikunu identifikati l-atti applikabbli kollha tal-Unjoni għandha tkun disponibbli f'dikjarazzjoni unika ta' konformità tal-UE. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi, dik id-dikjarazzjoni unika ta' konformità tal-UE tista' tkun dossier magħmul minn dikjarazzjonijiet rilevanti individwali ta' konformità.
- (24) Il-marka CE, li tindika l-konformità ta' lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi l-valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Prinċipji ġenerali li jirregolaw il-marka CE huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Regoli li jirregolaw it-twaħħil tal-marka CE għandhom jiġu stipulati f'din id-Direttiva.
- (25) Il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti f'din id-Direttiva jirrikjedu l-intervent tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, li jiġu notifikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.
- (26) L-esperjenza wriet li l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 95/16/KE li korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom josservaw biex ikunu notifikati lill-Kummissjoni mhumiex suffiċjenti biex jiżguraw livell uniformi għoli ta' operat ta' korpi notifikati fl-Unjoni Ewropea kollha. Iżda huwa essenzjali li l-korpi kollha notifikati jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fuq l-istess livell u skont kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta. Dan jitlew li jkunu stabbiliti rekwiżiti obbligatorji għall-korpi ta' valutazzjoni ta' konformità li jixtiequ li jkunu notifikati sabiex jagħtu servizzi ta' valutazzjoni ta' konformità.
- (27) Jekk xi korp ta' valutazzjoni tal-konformità juri konformità mal-kriterji stipulati fl-istandards armonizzati, għandha tkun preżunta l-konformità mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (28) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti tal-kwalità tal-valutazzjoni tal-konformità jeħtieġ ukoll li jkunu f'fissati rekwiżiti għall-awtoritajiet li jinnotifikaw u korpi oħra involuti fil-valutazzjoni, fin-notifika u l-monitoraġġ tal-korpi notifikati.
- (29) Is-sistema stabbilita f'din id-Direttiva għandha tkun ikkomplementata mis-sistema ta' akkreditament kif prevista fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Billi l-akkreditament huwa mezz essenzjali ta' verifika tal-kompetenza ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, għandu jintuża wkoll għal finijiet ta' notifika.
- (30) L-akkreditament trasparenti kif previst fir-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jiżgura l-livell neċessarju ta' fiduċja fiċ-ċertifikati ta' konformità, għandu jkun ikkunsidrat mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali fl-Unjoni kollha bħala l-mezz preferut li juri l-kompetenza teknika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jqisu li għandhom f'dejhom il-mezzi xierqa biex jagħmlu dik il-valutazzjoni huma stess. F'dawn il-każijiet, sabiex ikun żgurat livell xieraq ta' kredibbiltà tal-valutazzjonijiet eżegwiti minn awtoritajiet nazzjonali oħra, huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-evidenza dokumentarja meħtieġa li turi l-konformità tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jiġu evalwati, mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti.
- (31) Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità sikwit jagħtu b'subappalt partijiet mix-xogħol tagħhom konness mal-valutazzjoni tal-konformità jew jgħadduh lil sussidjarju. Biex ikun salvagwardjat il-livell għoli ta' protezzjoni meħtieġ għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu se jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, huwa essenzjali li s-subappaltaturi tal-valutazzjoni tal-konformità u s-sussidjarji jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħall-korpi notifikati fir-rigward tat-twettiq ta' kompieti ta' valutazzjoni tal-konformità. Għalhekk huwa importanti li l-valutazzjoni tal-kompetenza u l-prestazzjoni ta' korpi li jridu jiġu notifikati u l-monitoraġġ ta' korpi diġà notifikati tkopri wkoll l-attivitajiet mwettqa minn subappaltaturi u sussidjarji.
- (32) Jeħtieġ li jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-proċedura tan-notifika u b'mod partikolari, li tiġi adattata għal teknoloġiji ġodda biex tkun tista'ssir notifika onlajn.
- (33) Ladarba korpi notifikati jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fit-territorju kollu tal-Unjoni, huwa xieraq li Stati Membri oħra u l-Kummissjoni jingħataw l-opportunità li jagħmlu oġġezzjonijiet fir-rigward tal-korp notifikat. Huwa, għalhekk importanti li jkun previst perjodu li matulu kull dubju jew tħassib dwar il-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu jistgħu jiġu kkarifikati qabel ma jibdeu jaħdmu bħala korpi notifikati.
- (34) Fl-interessi tal-kompetittività huwa kruċjali li l-korpi notifikati japplikaw il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità mingħajr ma joħlqu xi piż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Għall-istess raġuni u biex ikun żgurat trattament ugwali ta' operaturi ekonomiċi, għandha tkun żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni teknika tal-moduli. Dak jista' jsir l-aħjar permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn korpi notifikati.
- (35) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet jistgħu jiġu introdotti fis-suq biss jekk, meta jkunu maħżuna kif suppost u użati għall-għan li huma maħsuba għalih, jew skont kundizzjonijiet ta' użu li jistgħu jkunu previsti b'mod raġonevoli, huma ma jkunux ta' periklu għas-saħħa u għas-sikurezza tal-persuni. Il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għandhom ikunu

- kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rekwiżiti essen-
zjali ta' saħħa u ta' sikurezza stabbiliti f'din id-Direttiva
biss skont kundizzjonijiet ta' użu li jistgħu jkunu previsti
b'mod raġonevoli, jiġifieri meta dan l-użu jista' jirriżulta
minn imġiba umana legali u faċilment prevedibbli.
- (36) Sabiex tkun żgurata ċertezza legali, huwa neċessarju li
jkun iċċarat li r-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq tal-
Unjoni u l-kontroll ta' prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni,
previsti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 japplikaw
għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet
koperti b'din id-Direttiva. Din id-Direttiva ma għandhiex
ma tħallix Stati Membri milli jaġġu l-awtoritajiet
kompetenti li jwettqu dawn il-ħidmiet.
- (37) Biex tiżdied it-trasparenza u biex jitnaqqas iż-żmien tal-
ipproċessar jeħtieġ li tittejjeb il-proċedura ta' salvagwardja
eżistenti, bil-għan li ssir aktar effiċjenti u biex jintużaw il-
hilit esperti li jistgħu jinkisbu mill-Istati Membri.
- (38) Is-sistema eżistenti għandha tkun supplimentata bi proċe-
dura li taħtha l-partijiet interessati jiġu informati b'miżuri
maħsubin biex jittieħdu fir-rigward ta' liftijiet jew kompo-
nenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jippreżentaw riskju għas-
saħħa jew sigurtà ta' persuni jew, fejn ikun xieraq, għas-
sikurezza tal-proprjetà. Għandha tippermetti wkoll lill-
awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, b'kooperazzjoni mal-
operaturi ekonomiċi rilevanti, li jaġixxu fi stadju minn
qabel dwar dawn il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza
għal-liftijiet.
- (39) Fejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ġusti-
fikazzjoni ta' miżura meħuda minn Stat Membru, ma
jkunx hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni jkollha tinvolvi
lilha nnifisha aktar, ħliet fejn in-nuqqas ta' konformità
jkun jista' jiġi attribwit lin-nuqqasijiet fxi standard armo-
nizzat.
- (40) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-impli-
mentazzjoni ta' din id-Direttiva, is-setgħat ta' implimen-
tazzjoni għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni.
Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Rego-
lament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-
prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-
Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat
ta' implimentazzjoni ⁽¹⁾.
- (41) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozz-
joni ta' atti ta' implimentazzjoni li jitolbu l-Istat Membru
tan-notifika jieħu miżuri korrettivi fir-rigward ta' korpi
notifikati li ma jissodisfawx jew m'għadhomx jissodisfaw
ir-rekwiżiti għan-notifikazzjoni tagħhom.
- (42) Il-proċedura ta' eżami għandha tintuża għall-adozzjoni ta'
atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' liftijiet konformi
jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet konformi li
jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-
persuni u ta' aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess
pubbliku.
- (43) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni
applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet debitament
ġustifikati relatati ma' liftijiet konformi jew komponenti
ta' sikurezza għal-liftijiet konformi li jippreżentaw riskju
għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, dan ikun
meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza.
- (44) F'konformità mal-prattika stabbilita, il-kumitat imwaqqaf
minn din id-Direttiva jista' jkollu rwol utli fl-eżaminar ta'
kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva
mqajma jew mill-president tiegħu jew minn rappreżen-
tant ta' Stat Membru skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (45) Meta kwistjonijiet relatati ma' din id-Direttiva, ħliet għall-
implimentazzjoni jew il-ksur tagħha, ikunu qed jiġu
eżaminati, jiġifieri fi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni,
il-Parlament Ewropew għandu, f'konformità mal-prattika
eżistenti, jirċievi informazzjoni u dokumentazzjoni sħiħa
u, fejn opportun, stedina biex jattendi għal dawn il-
laqgħat.
- (46) Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimen-
tazzjoni u, minħabba n-natura speċjali tagħhom, waqt li
tagħxi mingħajr l-applikazzjoni tar-Regolament (UE)
Nru 182/2011, tiddetermina jekk il-miżuri meħuda
mill-Istati Membri fir-rigward ta' liftijiet mhux konformi
jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li ma jkunux
konformi humiex ġustifikati jew le.
- (47) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jstabbilixxu regoli dwar
il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-
liġijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u
jiżguraw li dawn ir-regoli jiġu infurzati. Huwa meħtieġ
li l-penali stipulati jkunu effettivi, proporzjonati u diss-
ważivi.
- (48) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva jiġifieri li jkun żgurat li
l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq
jissodisfaw rekwiżiti li jipprevedu livell għoli ta' protezz-
joni ta' saħħa u sigurtà, waqt li jiggarrantixxi l-funzjona-
ment tas-suq intern, ma jistax jinkiseb suffiċjentement
mill-Istati Membri iżda jista', pjuttost, minħabba l-iskala
u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjon, l-
Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju
tas-sussidjarjetà, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat
dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta'
proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Diret-
tiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex
jinkiseb dak l-għan.
- (49) Hemm bżonn li jsir provvediment għal arranġamenti
tranżizzjonali raġonevoli li jippermettu li jitqiegħdu fis-
suq, mingħajr il-ħtieġa ta' konformità ma' rekwiżiti
addizzjonali tal-prodott, komponenti ta' sikurezza għal-
liftijiet li kienu diġà ġew introdotti fis-suq taħt id-Diret-
tiva 95/16/KE qabel id-data ta' applikazzjoni ta' miżuri
nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. Id-distributuri

⁽¹⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

- għandhom, għalhekk, ikunu jistgħu jfornu komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jiġu introdotti fis-suq, jiġifieri stokk li diġà jinsab fil-katina tad-distribuzzjoni, qabel id-data ta' applikazzjoni ta' miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.
- (50) Sabiex jiġu monitorjati u żgurati l-implimentazzjoni u l-funzjonament korretti ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jkun jesplora wkoll il-ħtieġa għal proposta leġiżlattiva ġdida f'dan is-settur.
- (51) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti għe mid-Direttiva ta' qabel.
- (52) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness XIII, Parti B,
- (c) seġġovija, inklużi ferroviji tal-funikular;
- (d) liftijiet ta' disinn speċifiku u maħduma għal skopijiet militari jew tal-pulizija;
- (e) mezzi tal-irfiġh minn fejn jista' jsir ix-xogħol;
- (f) apparat użat għall-irfiġh fil-minjieri;
- (g) tagħmir tal-irfiġh intiż sabiex jintrefgħu artisti waqt il-wirjiet artistiċi;
- (h) tagħmir tal-irfiġh mgħammar f'mezzi tat-trasport;
- (i) tagħmir tal-irfiġh imqabbad ma' makkinarju u intiż esklużivament għall-aċċess għal postijiet tax-xogħol inklużi l-postijiet ta' manutenzjoni u l-ispezzjoni fuq il-makkinarju;
- (j) ferroviji ta' fuq is-snien u roti bis-snien;
- (k) skali mobbli u passaġġi mekkaniċi fejn jimxu n-nies.
- ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Ambitu

1. Din id-Direttiva tapplika għal-liftijiet li permanentement iservu bini u kostruzzjonijiet u li jkunu maħsuba għat-trasport ta':

- (a) persuni;
- (b) persuni u oġġetti;
- (c) oġġetti biss jekk il-kabina tkun aċċessibbli, jiġifieri, persuna tista' tidħol fiha mingħajr diffikultà, u fornuta b'kontrolli li jkunu jinstabu fin-naħa ta' ġewwa tal-kabina jew li jistgħu jintlaħqu mill-persuna li tkun ġewwa.

Din id-Direttiva għandha wkoll tapplika għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet elenkati fl-Anness III għall-użu fil-liftijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

- (a) mezzi tal-irfiġh li l-veloċità tiegħu ma tkunx akbar minn 0,15 m/s;
- (b) għodod tal-irfiġh tas-siti ta' kostruzzjoni;

3. Meta, għal liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, ir-riskji li hemm referenza dwarhom f'din id-Direttiva jkunu kollha kemm huma jew parti minnhom koperti b'liġi tal-Unjoni speċifika, din id-Direttiva ma għandhiex tkun applikabbli jew għandha tiegħaf milli tapplika fil-każ ta' dawk il-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet u dawk ir-riskji sa mill-applikazzjoni ta' dik il-liġi tal-Unjoni speċifika.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "lift" tfisser mezz tal-irfiġh li jservi livelli speċifiċi, li għandu kabina li timxi tul gwidi li huma riġidi u inklinati f'angolu ta' aktar minn 15 il-grad mal-orizzontali, jew mezz tal-irfiġh li jimxi tul korsa fissa anki meta ma jimxix tul gwidi li huma riġidi;
- (2) "kabina" tfisser parti mil-lift li permezz tagħha l-persuni u/jew il-merkanzija huma merfugħin sabiex ikunu mgħollija jew imniżżla;
- (3) "lift mudell" tfisser lift rappreżentattiv li d-dokumentazzjoni teknika tiegħu turi l-mezz ta' kif ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I ikunu mil-huqa għal lifts li jkunu konformi mal-lift mudell definit permezz ta' parametri oġġettivi u li juża komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet identiċi;

- (4) “tqegħid fis-suq” tfisser kull provvista ta’ komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet għal distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq tal-Unjoni fil-kors ta’ attività kummerċjali, kemm bi hłas kif ukoll mingħajr hłas;
- (5) “introduzzjoni fis-suq” tfisser:
- l-att li bih komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet jitqiegħed għall-ewwel darba fis-suq; jew
 - il-provvista ta’ lift biex jintuża fis-suq tal-Unjoni fil-kors ta’ attività kummerċjali, kemm bi hłas kif ukoll mingħajr hłas;
- (6) “installatur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tiegħu r-responsabbiltà għad-disinn, manifattura, installazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq tal-lift;
- (7) “manifattur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet, jew li tqabbd lil ħaddieħor jiddisinja jew jimmanifattura komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet u li tikkummerċjalizza fisimha jew taħt il-marka kummerċjali tagħha;
- (8) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand installatur jew manifattur sabiex taġixxi fismu relattivament għal kompiti speċifikati;
- (9) “importatur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li tintroduċi komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (10) “distributtur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina ta’ provvista, diversa mill-manifattur jew l-importatur, li tqiegħed komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet fis-suq;
- (11) “operaturi ekonomiċi” tfisser l-installatur, il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur u d-distributtur;
- (12) “speċifikazzjoni teknika” tfisser dokument li jstipula r-rekwiżiti tekniċi li jridu jiġu sodisfatti minn lift jew komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet;
- (13) “standard armonizzat” tfisser standard armonizzat kif definit fil-punt (c) tal-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;
- (14) “akkreditament” tfisser akkreditament kif definit fil-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;
- (15) “korp nazzjonali ta’ akkreditament” tfisser korp nazzjonali ta’ akkreditament kif definit fil-punt 11 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;
- (16) “valutazzjoni ta’ konformità” tfisser il-proċess ta’ valutazzjoni dwar jekk ikunx intwera li r-rekwiżiti essenzjali ta’ saħħa u sikurezza ta’ din id-Direttiva relatati ma’ lift jew komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet ġew sodisfatti;
- (17) “korp tal-valutazzjoni tal-konformità” tfisser korp li jwettaq attivitajiet ta’ valutazzjoni tal-konformità inklużi l-kalibrazzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni;
- (18) “teħid lura” fir-rigward ta’ lift, tfisser kull miżura maħsuba biex jinkiseb iż-żarmar u l-eliminazzjoni b’sikurezza ta’ lift, u fir-rigward ta’ komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet, tfisser kull miżura maħsuba biex jittieħed lura komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet li jkun diġà sar disponibbli għall-installatur jew għall-utent finali;
- (19) “irtirar” tfisser kull miżura maħsuba biex timpedixxi komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet li jkun fil-katina tal-provvista milli jitqiegħed fis-suq;
- (20) “leġiżlazzjoni tal-Unjoni ta’ armonizzazzjoni” tfisser kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti;
- (21) “marka CE” tfisser marka li permezz tagħha l-installatur jew il-manifattur jiddikjara li l-lift jew il-komponent ta’ sikurezza għal-liftijiet huma konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ta’ armonizzazzjoni li tipprovdi għat-twaħħil tagħha;

Artikolu 3

Moviment liberu

1. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixxlu l-introduzzjoni fis-suq u l-bidu tal-użu ta’ liftijiet jew li komponenti ta’ sigurtà għal-liftijiet jitqiegħdu fis-suq fit-territorju tagħhom li jkunu konformi ma’ din id-Direttiva.
2. F’fieri kummerċjali, esibizzjonijiet u wirjiet, l-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu l-wiri ta’ liftijiet jew komponenti ta’ sikurezza għal-liftijiet li mhumiex konformi ma’ din id-Direttiva, sakemm ikun hemm sinjal viżibbli li jindika, b’mod ċar, li dawn mhumiex konformi u mhumiex se jiġu introdotti fis-suq jew jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jsirux konformi. Matul il-wirijiet, għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa ta’ sikurezza biex jassiguraw il-protezzjoni ta’ persuni.
3. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri milli jstipulaw, b’konformità mal-liġi tal-Unjoni dawk il-ħtiġijiet li huma jqisu meħtieġa biex jassiguraw li l-persuni jkunu protetti meta l-liftijiet inkwistjoni jibdeu joperaw jew jintużaw, sakemm dan ma jfissirx li l-liftijiet ikunu mmodifikati b’mod li mhux speċifikat f’din id-Direttiva.

Artikolu 4

Introduzzjoni fis-suq, tqegħid fis-suq u bidu tal-użu

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw li l-liftijiet koperti minn din id-direttiva jkunu jistgħu jiġu introdotti fis-suq u jibdew jintużaw biss jekk jikkonformaw ma' din id-Direttiva, meta jkunu installati kif suppost u jiġu mantnuti u użati għall-għanijiet maħsuba tagħhom.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw li l-liftijiet koperti minn din id-direttiva jkunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq u jibdew jintużaw biss jekk jikkonformaw ma' din id-Direttiva, meta jkunu installati kif suppost u jiġu mantnuti u użati għall-għanijiet maħsuba tagħhom.

Artikolu 5

Rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza

1. Lifts koperti b'din id-Direttiva għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stipulati fl-Anness I.
2. Il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet koperti b'din id-Direttiva għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stipulati fl-Anness I u jippermettu li l-lifts li fihom dawn ikunu inkorporati jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti.

Artikolu 6

Bini jew kostruzzjonijiet li fihom jiġu installati l-liftijiet

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw li l-persuna responsabbli għax-xogħol fuq il-bini jew il-kostruzzjoni u l-installatur it-tnejn li huma jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni meħtieġa u jieħdu l-passi xierqa biex jassiguraw l-operat kif suppost u l-użu b'sikurezza tal-lift.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw li x-xaftijiet maħsuba għal-lifts ma jkunx fihom pajpijiet jew wajers jew tagħmir ħliet għal dak meħtieġ għall-operat u s-sikurezza tal-lift.

KAPITOLU II

OBBLIGI TAL-OPERATORI EKONOMIĊI

Artikolu 7

Obbligati tal-installaturi

1. L-installaturi għandhom jiżguraw, meta jintroduċu lift fis-suq, li dan ikun ġie ddisinjat, immanifatturat, installat u ttestjat skont ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.
2. L-installaturi għandhom iħejju d-dokumentazzjoni teknika u jwettqu l-proċedura rilevanti ta' valutazzjoni ta' konformità msemmija fl-Artikolu 16 jew jassiguraw li tali proċedura titwettaq.

Fejn ikun intwera permezz ta' dik il-proċedura li l-lift huwa konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza applikabbli, l-installatur għandu jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, jiżgura li din takkumpanja l-lift, u jwajhhal il-marka CE.

3. L-installatur għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika, id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u, fejn applikabbli, id-deċizzjoni dwar l-approvazzjoni għal 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq.

4. Meta jitqies li jkun meħtieġ fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn lift, l-installaturi għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu regjistru ta' lmenti u ta' liftijiet mhux konformi.

5. L-installaturi għandhom jiżguraw li l-liftijiet ikollhom numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor biex ikunu jistgħu jiġu identifikati.

6. L-installaturi għandhom jindikaw, fuq il-lift, isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kuntattjat l-installatur. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

7. L-installaturi għandhom jiżguraw li l-lift ikun akkumpanjat mill-istruzzjonijiet imsemmija fil-punt 6.2 tal-Anness I, provduti b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-utenti finali, skont kif jiġi determinat mill-Istat Membru li fih jiġi introdott il-lift fis-suq. Dawn l-istruzzjonijiet, kif ukoll kwalunkwe tikketta, għandhom ikunu ċari, jinftiehem u intelliġibbli.

8. L-installaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li lift li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva, għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-lift isir konformi. Barra minn hekk, fejn il-lift jippreżenta riskju, l-installaturi għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu introduċew fis-suq il-lift għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħhuda.

9. L-installaturi għandhom, fuq talba raġunata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja fuq karta jew elettronikament biex juru l-konformità tal-lift ma' din id-Direttiva, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità.

Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħhuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mil-liftijiet li jkunu introduċew fis-suq.

Artikolu 8

Obbligi tal-manifatturi

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw, meta jintroduċu l-komponenti ta' sikurezza tagħhom fis-suq, li dawn ikunu ġew imfassla u manifatturati skont l-Artikolu 5(2).

2. Il-manifatturi għandhom iħejju d-dokumentazzjoni teknika meħtieġa u jwettqu l-proċedura applikabbli ta' valutazzjoni ta' konformità msemmija fl-Artikolu 15 jew jassiguraw li tali proċedura titwettag.

Fejn ikun intwera permezz ta' dik il-proċedura li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet huwa konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza applikabbli, il-manifattur għandu jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, jiżgura li din takkumpanja l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, u jwajhal il-marka CE.

3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika, id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni għal 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun ġie introdott fis-suq.

4. Il-manifatturi għandhom jaraw li jkun stabbiliti l-proċeduri sabiex il-produzzjoni ta' serje tibqa' konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jitqiesu adegwament dawk it-tibdiliet fid-disinn jew il-karatteristiċi tal-prodott u t-tibdiliet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li b'referenza għalihom tiġi dikjarata l-konformità ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

Meta jitqies li jkun meħtieġ fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, il-manifatturi għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, jagħmlu testijiet kampjunarji ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jitqiegħdu fis-suq, jinvestigaw, u jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet mhux konformi u ta' teħid lura tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, u għandhom iżommu lid-distributuri u lill-installaturi informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkun introduċew fis-suq ikollhom innumru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew kull element ieħor biex ikunu jistgħu jiġu identifikati, jew, jekk id-daqs jew natura tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma tagħmilx dan possibbli, li l-informazzjoni meħtieġa tingħata fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 19(1).

6. Il-manifatturi għandhom jindikaw fuq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 19(1). L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tintfiehmed faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun akkumpanjat mill-istruzzjonijiet imsemija fil-punt 6.1 tal-Anness I, provduti b'lingwa li tkun tista' tintfiehmed faċilment mill-utenti finali, skont kif jiġi determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Dawn l-istruzzjonijiet, kif ukoll kwalunkwe tikketta, għandhom ikunu ċari, jinftehem u intelliġibbli.

8. Il-manifatturi li jqsu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jkun introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir konformi, jirtiraw jew jieħduh lura, jekk dan ikun meħtieġ. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma qiegħdu l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

9. Il-manifatturi għandhom, fuq talba raġunata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja fuq karta jew elettronikament biex juru l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ma' din id-Direttiva, b'lingwa li tkun tista' tintfiehmed faċilment minn dik l-awtorità.

Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji preżentati mill-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jkun introduċew fis-suq.

Artikolu 9

Rappreżentanti awtorizzati

1. Il-manifatturi jew l-installaturi jistgħu, b'mandat bil-miktub, jaħtru rappreżentant awtorizzat.

L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7(1) jew fl-Artikolu 8(1) u l-obbligu tat-tfassil tad-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2) m'għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

2. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur jew l-installatur. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat għall-inqas li jagħmel dan li ġej:

(a) iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni marbuta mas-sistema ta' kwalità tal-manifattur jew l-installatur, u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għal 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew il-lift ikun ġie introdott fis-suq;

(b) fuq talba raġunata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet jew tal-lift;

(c) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew mill-lift koperti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

Artikolu 10

Obbligi tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom jintroduċu fis-suq biss dawk il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu konformi.

2. Qabel ma jintroduċu komponent ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li tkun saret il-proċedura meħtieġa ta' valutazzjoni ta' konformità msemmija fl-Artikolu 15 mill-manifattur. Huma għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun ħejja d-dokumentazzjoni teknika, li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikollu l-marka CE u jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u mid-dokumenti meħtieġa u li l-manifattur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(5) u (6).

Fejn importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunx konformi mal-Artikolu 5(2), huwa ma għandux jintroduċi l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq qabel ma' dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq dwar dan.

3. L-importaturi għandhom jindikaw fuq il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun akkumpanjat mill-istruzzjonijiet imsemmeja fil-punt 6.1 tal-Anness I, provduti b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, skont kif jiġi determinat mill-Istat Membru kkonċernat.

5. L-importaturi għandhom jiżguraw li, waqt li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew trasport tiegħu ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza msemmijin fl-Artikolu 5(2).

6. Meta jitqies meħtieġ fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, l-importaturi għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, għandhom jagħmlu testijiet kampjunarji ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jitqiegħdu fis-suq, jinvestigaw, u jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet mhux konformi u ta' teħid lura ta'

komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, u għandhom iżommu lid-distributuri u lill-installaturi informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

7. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir konformi, jirtirawh jew jieħduh lura, skont il-każ. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu qiegħdu l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

8. L-importaturi għandhom, għal 10 snin wara li jiġi introdott fis-suq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u, fejn applikabbli, tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, jekk jitolbuha.

9. L-importaturi għandhom, fuq talba raġunata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja fuq karta jew elettronikament biex juru l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità kompetenti nazzjonali. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jkunu introduċew fis-suq.

Artikolu 11

Obbligi tad-distributuri

1. Meta jqiegħdu komponent ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq, id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

2. Qabel ma jqiegħdu l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikollu l-marka CE, li jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, mid-dokumenti meħtieġa u mill-istruzzjonijiet imsemmejin fil-punt 6.1 tal-Anness I, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-utenti finali, skont kif jiġi determinat mill-Istat Membru kkonċernat u li l-manifattur u l-importatur ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(5) u (6) u fl-Artikolu 10(3) rispettivament.

Fejn distributur iqis jew ikollu raġunijiet biex jemmen li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunx konformi mal-Artikolu 5(2), huwa għandu jqiegħed il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq biss wara li dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan.

3. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, waqt li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħażna jew trasport ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mal-Artikolu 5(2).

4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li jqiegħdu fis-suq, ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva, għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir konformi, jirtiraw jew jieħduh lura, jekk dan ikun meħtieġ. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, id-distributuri għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu jqiegħdu l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq dwar dan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

5. Id-distributuri għandhom, fuq talba raġunata mill-awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha fuq karta jew elettronikament neċessarja biex juru l-konformità ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma qiegħdu fis-suq.

Artikolu 12

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi jew id-distributuri

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' din id-Direttiva u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur taħt l-Artikolu 8, fejn huwa introduċa komponent ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq f'ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu, jew jimmodifika komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li diġà jkun ġie introdott fis-suq b'mod li jista' jinċidi fuq il-konformità ma' din id-Direttiva.

Artikolu 13

Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi

L-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, jidentifikaw dawn li ġejjin lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq:

- (a) kull operatur ekonomiku li jkun ipprovdihom b'komponent ta' sikurezza għal-liftijiet;
- (b) kull operatur ekonomiku li lilu jkunu pprovdew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu kapaċi jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għal 10 snin wara li jkunu ġew ipprovduti b'komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u għal 10 snin wara li jkunu pprovdew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

KAPITOLU III

KONFORMITÀ TAL-LIFTS U TAL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJET

Artikolu 14

Preżunzjoni ta' konformità ta' liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet

Il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza koperti minn daww il-standards jew partijiet minnhom, stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 15

Proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet

Il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għandhom ikunu soġġetti għal waħda mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin:

- (a) il-mudell tal-komponent ta' sikurezza għal liftijiet għandu jiġi ppreżentat għall-eżami tat-tip tal-UE stabbilit fil-Parti A tal-Anness IV u l-konformità mat-tip għandha tiġi żgurata permezz tal-kontrolli aleatorji tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet stabbiliti fl-Anness IX;
- (b) il-mudell tal-komponent ta' sikurezza għal liftijiet għandu jiġi ppreżentat għall-eżami tat-tip tal-UE stabbilit fil-Parti A tal-Anness IV u għandu jkun soġġett għal konformità mat-tip abbażi ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott skont l-Anness VI;
- (c) konformità ibbażata fuq l-assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità stabbilita fl-Anness VII.

Artikolu 16

Proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għal-liftijiet

1. Il-liftijiet għandhom ikunu soġġetti għal waħda minn dawn il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin:

- (a) jew, jekk ikunu ddisinjati u mmanifatturati skont lift mudell li jkun għadda minn eżami tat-tip tal-UE msemmi fil-Parti B tal-Anness IV:
 - (i) l-ispezzjoni finali għal-liftijiet msemmija fl-Anness V;
 - (ii) konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni ta' kwalità għal-liftijiet imsemmija fl-Anness X;
 - (iii) konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni ta' kwalità tal-produttjoni għal-liftijiet msemmija fl-Anness XII;

(b) jekk ikunu ddisinjati u mmanifatturati taħt sistema ta' kwalità approvata skont l-Anness XI:

(i) l-ispezzjoni finali għal-liftijiet imsemmija fl-Anness V;

(ii) konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni ta' kwalità għal-liftijiet imsemmija fl-Anness X;

(iii) konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni ta' kwalità tal-produzzjoni għal-liftijiet msemija fl-Anness XII;

(c) konformità mat-tip ibbażata fuq il-verifika tal-unità għal-liftijiet imsemmija fl-Anness VIII;

(d) konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità kif ukoll eżami tad-disinn għal-liftijiet msemija fl-Anness XI.

2. Fil-każi msemija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, fejn il-persuna responsabbli mid-disinn u l-manifattura tal-lift u l-persuna responsabbli għall-installazzjoni u l-ittestjar tal-lift ma jkunx l-istess, l-ewwel waħda għandha ttiprovdi lit-tieni waħda bid-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex din tal-aħħar tkun tista' tiżgura li l-lift jiġi installat u ttestjat b'mod korett u sikur.

3. Il-varjazzjonijiet permissibbli kollha bejn il-lift mudell u l-liftijiet li jiffurmaw parti mil-liftijiet derivati mil-lift mudell għandhom ikunu kjarment speċifikati (b'valuri massimi u minimi) fid-dokumentazzjoni teknika.

4. B'kalkolazzjoni u/jew fuq il-bażi tal-pjanti tad-disinn huwa permissibbli li tintwera s-similarità ta' sensiela ta' tagħmir biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 17

Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li l-osservanza tar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza speċifikati fl-Anness I intweriet.

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura mudell stabbilita fl-Anness II, għandha tinkludi l-elementi speċifikati fl-Annessi V sa XII rilevanti, u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Għandha wkoll tiġi tradotta fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru fejn jiġi introdott jew jitqiegħed fis-suq il-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

3. Fejn lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet huwa soġġett għal aktar minn att wieħed tal-Unjoni li jesiġi dikjarazzjoni tal-UE tal-konformità, għandha titfassal dikjarazzjoni ta'

konformità tal-UE unika fir-rigward ta' tali atti kollha tal-Unjoni. Dik id-dikjarazzjoni għandu jkollha l-identifikazzjoni tal-atti tal-Unjoni kkonċernati inklużi r-referenzi tal-pubblikazzjoni tagħhom.

4. Meta jħejji d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur ikun qed jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.

Artikolu 18

Prinċipji ġenerali tal-marka CE

Il-marka CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artiklu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 19

Regoli u kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-marka CE u marki oħra

1. Il-marka CE għandha titwaħħal b'mod li tkun tidher, tkun tista' tinqara u ma titħassarx fuq kull kabina ta' lift u fuq kull komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, jew, meta dak ma jkunx possibbli, fuq tikketta mwaħħla, hekk li ma tkunx tista' tinqala', mal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

2. Il-marka CE għandha titwaħħal qabel ma l-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jiġu introdotti fis-suq.

3. Il-marka CE fuq il-liftijiet għandha tkun segwita min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat involut fi kwalunkwe waħda mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin:

(a) l-ispezzjoni finali msemija fl-Anness V;

(b) il-verifika tal-unità, imsemmija fl-Anness VIII;

(c) l-assigurazzjoni tal-kwalità msemija fl-Annessi X, XI jew XII.

4. Il-marka CE fuq komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għandha tkun segwita min-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat involut fi kwalunkwe waħda mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin:

(a) l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott imsemmija fl-Anness VI;

(b) l-assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità msemija fl-Anness VII;

(c) konformità mat-tip b'kontrolli aleatorji għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet imsemmija fl-Anness IX.

5. In-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat għandu jitwahaħhal mill-korp innifsu jew, fuq istruzzjonijiet tiegħu, mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew mill-installatur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

Taħt il-marka CE u n-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat jista' jkun hemm kwalunkwe marka oħra li tindika riskju jew użu speċjali.

6. L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tas-sistema tal-immarrkar CE u għandhom jieħdu azzjoni xierqa fil-każ ta' użu mhux korrett ta' dak l-immarrkar.

KAPITOLU IV

NOTIFIKA TAL-KORPI TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ

Artikolu 20

Notifika

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-korpi awtorizzati li jagħmlu xogħol ta' terzi fil-valutazzjoni ta' konformità taħt din id-Direttiva.

Artikolu 21

Awtoritajiet notifikanti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità notifikanti li tkun responsabbli biex tistabbilixxi u twettaq il-proċeduri meħtieġa għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi ta' valutazzjoni ta' konformità u għall-monitoraġġ ta' korpi notifikati, inkluża l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru minn korp nazzjonali ta' akkreditament fis-sens ta', u skont, ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

3. Fejn l-awtorità notifikanti tiddelega jew b'mod ieħor tafda l-valutazzjoni, in-notifika jew il-monitoraġġ imsemmijin fil-paragrafu 1 lil korp li ma jkunx entità governattiva, dak il-korp għandu jkun entità ġuridika u għandu jikkonforma mutatis mutandis mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22. Addizzjonalment, tali korp għandu jkollu arranġamenti biex jagħmel tajjeb għar-reponsabilitajiet derivati mill-attivitajiet tiegħu.

4. L-awtorità notifikanti għandha tieħu responsabbiltà sħiħa tal-kompiti mwettqa mill-korp imsemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 22

Rekwiżiti relatati mal-awtoritajiet notifikanti

1. L-awtorità notifikanti għandha tiġi stabbilita b'mod li ma jkunx hemm konflitti ta' interess ma' korpi ta' valutazzjoni ta' konformità.

2. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata u titmexxa b'mod li jkun salvagwardjati l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħha.

3. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata b'tali mod li kull deċiżjoni relatata man-notifika tal-korp ta' valutazzjoni ta' konformità tittieħed minn persuni kompetenti differenti minn dawk li jkun għamli l-valutazzjoni.

4. L-awtorità notifikanti m'għandhiex toffri jew tipprovdi kwalunkwe attivitajiet li jitwettqu minn korpi ta' valutazzjoni ta' konformità, jew servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.

5. L-awtorità notifikanti għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba.

6. L-awtorità notifikanti għandu jkollha numru suffiċjenti ta' persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha biex jitwettqu korrettament il-kompiti tagħha.

Artikolu 23

Obbligazzjoni ta' informazzjoni tal-awtoritajiet notifikanti

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi ta' valutazzjoni ta' konformità u għall-monitoraġġ ta' korpi notifikati, u dwar kull tibdil li jsirilhom.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli pubblikament.

Artikolu 24

Rekwiżiti għall-korpi notifikati

1. Għall-finijiet tan-notifika, kull korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 11.

2. Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkun stabil b'kont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u għandu jkollu personalità ġuridika.

3. Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkun korp terz indipendenti mill-organizzazzjoni jew mil-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal liftijiet li jevalwa.

Korp li jkun jappartjeni lil xi assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tirrappreżenta intrapriżi involuti fid-disinn, manifattura, provvista, muntaġġ, użu jew manutenzjoni ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huwa jivvaluta, jista', bil-kundizzjoni li l-indipendenza tiegħu u n-nuqqas ta' kull kunflitt ta' interess jiġu murija, jitqies bħala tali korp ta' valutazzjoni ta' konformità.

4. Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità, l-ogħla livell tal-ġestjoni tiegħu u l-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni ta' konformità m'għandhomx ikunu d-disinjaturi, il-manifatturi, il-fornituri, l-installaturi, ix-xerreja, is-sidien, l-utenti jew dawk li jagħmlu l-manutenzjoni tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jevalwaw, u lanqas għandhom ikunu r-rappreżentanti ta' xi waħda minn dawk il-partijiet.

Dan ma għandux jipprekludi l-użu tal-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet i-valutati li jkunu meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-korp ta' valutazzjoni ta' konformità jew l-użu ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet bħal dawn għal għanijiet personali.

Dan ma jipprekludix il-possibbiltà ta' skambju ta' informazzjoni teknika bejn il-manifattur jew l-installatur u l-korp.

Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità, l-ogħla livell tal-ġestjoni tiegħu jew il-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni ta' konformità m'għandhomx ikunu direttament involuti fid-disinn, manifattura jew kostruzzjoni, kummerċjalizzazzjoni, installazzjoni, użu jew manutenzjoni ta' dawk il-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, lanqas m'għandhom jirrappreżentaw lill-partijiet li jwettqu dawk l-attivitajiet.

Huma m'għandhom jieħdu sehem febda attività li tista' tkun f'konflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew integrità tagħhom relattivament għall-attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità li għalihom huma jkunu notifikati. Dan japplika b'mod partikolari għas-servizzi ta' konsulenza.

Il-korpi ta' valutazzjoni ta' konformità għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew subappaltaturi tagħhom ma jippreġudikawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħhom ta' valutazzjoni ta' konformità.

5. Il-korpi ta' valutazzjoni ta' konformità u l-persunal tagħhom għandhom iwettqu l-attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku li jkun u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u inċitament, partikolarment finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

6. Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha ta' valutazzjoni ta' konformità assenjati lilu permezz tal-Annessi IV sa XII u li fir-rigward tagħhom ikun ġie notifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jsiru mill-korp stess ta' valutazzjoni ta' konformità kif ukoll jekk f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

F'kull żmien u għal kull proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità u għal kull tip jew kategorija ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li fir-rigward tagħhom ikun ġie notifikat, il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu in-neċessitajiet li ġejjin:

- (a) persunal b'konozzenza teknika u esperjenza suffiċjenti u adatta biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni ta' konformità;
- (b) deskrizzjonijiet ta' proċeduri li f'konformità magħhom tiġi mwettqa l-valutazzjoni ta' konformità, li jkunu jassiguraw it-trasparenza u l-kapaċità tar-riproduzzjoni ta' dawn il-proċeduri. Huwa għandu jkollu stabbiliti l-linji politiċi u l-proċeduri adegwati li jiddistingwu bejn kompiti li huwa jwettaq bħala korp notifikat u attivitajiet oħra;
- (c) proċeduri għat-tweqqif tal-attivitajiet tiegħu li jieħdu kont debitu tad-daqs ta' impriża, tas-settur li fiha topera, tal-istruttura tagħha, tal-grad ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-prodott ikkonċernat u tan-natura massiva jew serjali tal-proċess ta' produzzjoni.

Korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkollu l-mezzi neċessarji biex iwettaq il-kompiti tekniċi u amministrattivi konnessi mal-attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità b'mod adegwat u għandu jkollu aċċess għal kull tagħmir u faċilità meħtieġa.

7. Il-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkollu dawn li ġejjin:

- (a) taħriġ tekniċu u vokazzjonali sod li jkopri l-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni ta' konformità li fir-rigward tagħhom ikun ġie notifikat il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità;
- (b) konozzenza sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet li huwa jagħmel u awtorità adegwata sabiex jagħmel dawk il-valutazzjonijiet;
- (c) konozzenza adegwata u apprezzament tar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I, tal-istandards armonizzati applikabbli u tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni rilevanti ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni u ta' tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tagħha;
- (d) il-kapaċità meħtieġa biex jiffurmula ċ-ċertifikati, rekords u rapporti li juru li l-valutazzjonijiet ikunu saru.

8. Għandha tkun garantita l-imparzjalità tal-korp ta' valutazzjoni ta' konformità, tal-ogħla livell ta' ġestjoni tiegħu u tal-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni ta' konformità tiegħu.

Ir-rimunerazzjoni tal-ogħla livell ta' ġestjoni u tal-persunal responsabbli għat-tweqqif tal-kompiti ta' valutazzjoni ta' konformità ta' korp ta' valutazzjoni ta' konformità ma għandhiex tiddipendi min-numru ta' valutazzjonijiet li jkunu saru jew mir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.

9. Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jipprovdi għal polza ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx assunta mill-Istat skont il-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni ta' konformità.

10. Il-persunal ta' korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkun fid-dmir li josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-tweġiq tal-kompiti tiegħu taħt l-Annessi IV sa XII jew skont kwalunkwe dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali li jgħibuha fis-seħħ, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tal-korp. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.

11. Il-korpi ta' valutazzjoni ta' konformità għandhom jippar-tecipaw fi, jew jassiguraw li l-persunal tagħhom responsabbli għat-tweġiq tal-kompiti ta' valutazzjoni ta' konformità jkun mgħarraf bl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti, kif ukoll bl-attivitajiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Korpi Notifikati għal-Liftijiet, stabbilit skont l-Artikolu 36. Il-korpi ta' valutazzjoni ta' konformità għandhom japplikaw bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet u d-dokumenti amministrattivi prodotti b'riżultat tal-ħidma ta' dak il-grupp.

Artikolu 25

Preżunzjoni ta' konformità ta' korpi notifikati

Fejn korp ta' valutazzjoni ta' konformità jkun jista' juri l-konformità tiegħu mal-kriterji stabbiliti fl-istandards armonizzati rilevanti jew f'partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew pubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun preżunt li huwa jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 sa fejn l-istandards armonizzati applikabbli jkunu jkopru dawk ir-rekwiżiti.

Artikolu 26

Sussidjarji ta' u subappalti minn korpi notifikati

1. Fejn korp notifikat jagħti b'subappalt kompiti speċifiċi relatati mal-valutazzjoni ta' konformità jew iqabbaad sussidjarju, huwa għandu jiżgura li s-subappaltatur jew is-sussidjarju jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24, u għandu jinforma lill-awtorità notifikanti b'dan.

2. Il-korp notifikat għandu jerfa' r-responsabbiltà kollha tal-kompiti li jkunu twettqu mis-subappaltaturi jew mis-sussidjarji kull fejn dawn ikunu stabbiliti.

3. L-attivitajiet jistgħu jiġu subappaltati jew esegwiti minn sussidjarju biss bi ftehim mal-klijent.

4. Il-korp notifikat għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti d-dokumenti rilevanti dwar il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-subappaltatur jew tas-sussidjarju u tax-xogħol li jkun sar minnhom skont l-Annessi IV sa XII.

Artikolu 27

Applikazzjoni għal notifika

1. Kull korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jippreżenta applikazzjoni għal notifika lill-awtorità notifikanti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit.

2. L-applikazzjoni għal notifika għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità, tal-proċedura jew proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità u tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li għalihom il-korp jiddikjara lilu nnifsu kompetenti, kif ukoll minn ċertifikat ta' akkreditament, jekk ikun hemm wieħed eżistenti, maħruġ minn korp nazzjonali ta' akkreditament li jafferma li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

3. Fejn il-korp konċernat ta' valutazzjoni ta' konformità ma jkunx jista' joħroġ ċertifikat ta' akkreditament, huwa għandu jipprovdi l-awtorità notifikanti bil-prova dokumentata kollha meħtieġa għall-verifika, rikonoxximent u monitoraġġ regolari tal-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

Artikolu 28

Proċedura tan-notifika

1. L-awtoritajiet notifikanti jistgħu jinnotifikaw biss lil korpi ta' valutazzjoni ta' konformità li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

2. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'mezz elettroniku ta' notifika żviluppat u amministrat mill-Kummissjoni.

3. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji kollha dwar l-attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità, tal-proċedura jew proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità u tal-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet in kwistjoni u tal-affermazzjoni rilevanti tal-kompetenza.

4. Fejn notifika ma tkunx ibbażata fuq ċertifikat ta' akkreditament kif msemmi fl-Artikolu 27(2), l-awtorità notifikanti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-prova dokumentata li tafferma l-kompetenza tal-korp ta' valutazzjoni ta' konformità u l-arranġamenti stabbiliti biex ikun żgurat li l-korp jiġi sorveljat regolament u li jkompli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

5. Il-korp konċernat jista' jwettaq l-attivitajiet ta' korp notifikat biss jekk ma jkunux tqajmu oġġezzjonijiet mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħra fi żmien ġimagħtejn minn notifika fejn jintuża ċertifikat ta' akkreditament jew fi żmien xahrejn wara li tkun saret notifika fil-każ li ma jintużax l-akkreditament.

Dak il-korp biss għandu jitqies bħala korp notifikat għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

6. L-awtorità notifikanti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra dwar kull tibdil rilevanti sussegwenti fin-notifika.

Artikolu 29

Numri ta' identifikazzjoni u listi ta' korpi notifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lil korp notifikat.

Hija għandha tassenja numru uniku anke fejn il-korp ikun notifikat taħt diversi atti tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-lista tal-korpi notifikati taħt din id-Deċiżjoni, inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li jkunu ġew assenjati lilhom u l-attivitajiet li għalihom ikunu ġew notifikati.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-lista tinżamm aġġornata.

Artikolu 30

Tibdil fin-notifika

1. Fejn awtorità notifikanti taċċerta ruħha jew tkun mgħarrfa li korp notifikat ma jkunx għadu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24, jew li jkun qed jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu, l-awtorità notifikanti għandha tillimita, tissospendi jew tirtira n-notifika skont il-każ, skont il-gravità tan-nonkonformità ma' dawk ir-rekwiżiti jew in-nuqqas milli jiġu mwettqa dawk l-obbligi. Hija għandha tgħarraf minnufih skont kif ikun meħtieġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

2. Fil-każ li tiġi limitata, sospiża jew irtirata n-notifika, jew fejn il-korp notifikat ma jkunx għadu attiv, l-Istat Membru notifikanti għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jassigura li l-fajls ta' dak il-korp jiġu pproċessati minn korp notifikat ieħor jew jinżammu disponibbli għall-awtorità notifikanti u għall-awtorità tas-sorveljanza tas-suq li jkunu responsabbli, suġġetti għat-talba tagħhom.

Artikolu 31

Sfida għall-kompetenza ta' korpi notifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubbu jew issir taf b'dubbu dwar il-kompetenza ta' korp notifikat jew dwar il-kontinwità tal-konformità ta' korp notifikat mar-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li għalihom huwa jkun suġġett.

2. L-Istat Membru notifikanti għandu jagħti lill-Kummissjoni, fuq talba, l-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew maż-żamma tal-kompetenza tal-korp notifikat konċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensitiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tinżamm kunfidenzjali.

4. Fejn il-Kummissjoni taċċerta ruħha li korp notifikat ma jissodisfa, jew li ma jkunx għadu jissodisfa, ir-rekwiżiti għan-notifika tiegħu, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jitlob lill-Istat Membru jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa, inkluż l-irtirar tan-notifika, jekk ikun meħtieġ.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 42(2).

Artikolu 32

Obbligi operattivi tal-korpi notifikati

1. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-valutazzjonijiet ta' konformità skont il-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 15 u 16.

2. Il-valutazzjonijiet ta' konformità għandhom isiru b'mod proporzjonat biex jiġu evitati piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Il-korpi notifikati għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jieħdu kont debitu tad-daqs tal-impriża, tas-settur li fih hija topera, tal-istruttura tagħha, tal-livell ta' kompleksità tat-teknoloġija tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet in kwistjoni u tan-natura massiva jew serjali tal-proċess ta' produzzjoni.

Meta jkunu qed jagħmlu hekk huma għandhom madanakollu jirrispettaw il-grad ta' rigorożità u l-livell ta' protezzjoni meħtieġa għall-konformità tal-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ma' din id-Direttiva.

3. Fejn korp notifikat isib li ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza ta' din id-Direttiva jew l-istandards armonizzati korrispondenti jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħra mill-installatur jew mill-manifattur, huwa għandu jeżiġi mingħand l-installatur jew il-manifattur li dan jieħu l-miżuri korrettivi adegwati u ma għandu joħroġ ebda ċertifikat.

4. Fejn, waqt li jkun qed isir monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni, kif xieraq, korp notifikat isib li lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunx għadu konformi, il-korp notifikat għandu jeżiġi li l-installatur jew il-manifattur jieħu l-miżuri korrettivi adegwati u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat jew id-deċiżjoni ta' approvazzjoni jekk ikun meħtieġ.

5. Fejn miżuri korrettivi ma jittieħdux jew ma jkollhomx l-effett meħtieġ, il-korp notifikat għandu jillimita, jissospendi jew jirtira kull ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni, skont il-każ.

Artikolu 33

Appell kontra d-deċiżjonijiet tal-korpi notifikati

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun disponibbli proċedura ta' appell kontra d-deċiżjonijiet tal-korpi notifikati.

Artikolu 34

Obbligu ta' informazzjoni għall-korpi notifikati

1. Il-korpi notifikati għandhom jinformaw lill-awtorità notifikanti dwar dan li ġej:

- (a) kull rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni;
- (b) kull ċirkostanza li tinċidi fuq l-ambitu tan-notifika jew il-kondizzjonijiet għaliha;
- (c) kull talba għal informazzjoni li huma jkunu rċevew minn awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rigward attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità;
- (d) fuq talba, l-attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità mwettqa fl-ambitu tan-notifika tagħhom u kull attività oħra mwettqa, inklużi attivitajiet transkonfinali u subappal-tar.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipprovdu lill-korpi l-oħra notifikati taħt din id-Deċiżjoni li jkunu qed iwettqu attivitajiet simili ta' valutazzjoni ta' konformità li jkunu jkopru liftijiet tal-istess tip jew l-istess komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, bl-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw riżultati negattivi ta' valutazzjoni ta' konformità u, fuq talba, riżultati pożittivi.

Artikolu 35

Skambju ta' esperjenza

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi sabiex jiġi organizzat l-iskambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jkunu responsabbli għall-politika dwar in-notifika.

Artikolu 36

Koordinazzjoni ta' korpi notifikati

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li li jiġu stabbiliti l-koordinazzjoni u l-koperazzjoni adegwati bejn il-korpi notifikati skont din id-Direttiva u li dawn jiġu operati korrettament f'forma ta' Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Korpi Notifikati għal-Liftijiet.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi nnotifikati minnhom jieħdu sehem fix-xogħol ta' dak il-Grupp, b'mod dirett jew permezz ta' rappreżentanti nominati.

KAPITOLU V

SORVELJANZA TAS-SUQ TAL-UNJONI, KONTROLL TAL-LIFTIJET JEW TAL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJET LI JIDĦLU FIS-SUQ TAL-UNJONI U PROĊEDURA TA' SALVAGWARDJA TAL-UNJONI

Artikolu 37

Sorveljanza tas-suq tal-Unjoni u kontroll tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jidħlu fis-suq tal-Unjoni

L-Artikolu 15(3) u l-Artikoli minn 16 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom japplikaw għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

Artikolu 38

Proċeduri fir-rigward ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jippreżentaw riskju fil-livell nazzjonali

1. Fejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġuni suffiċjenti biex jaħsbu li lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet koperti minn din id-Direttiva jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza ta' persuni jew, fejn xieraq, għas-sikurezza tal-proprjetà, huma għandhom jagħmlu l-valutazzjoni fir-rigward tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet in kwistjoni li tkun tkopri r-rekwiżiti stabbiliti minn din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw skont kif ikun meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal dak il-għan.

Fejn, matul il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li lift ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, huma għandhom mingħajr dewmien jesigū li l-installatur jieħdu l-miżuri korrettivi adegwati kollha biex il-lift isir konformi ma' daww ir-rekwiżiti, f'perijodu ta' żmien raġonevoli, li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif jippreskrivu.

Fejn, matul il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, huma għandhom mingħajr dewmien jesigū li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħdu l-miżuri korrettivi adegwati kollha biex il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir konformi ma' daww ir-rekwiżiti, jiġi irtirat mis-suq jew jittieħed lura f'perijodu ta' żmien raġonevoli, li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif jippreskrivu.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinformaw b'dan lill-korp notifikat rilevanti.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Fejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx limitat għat-territorju nazzjonali tagħhom, huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li eżiġew lill-operatur ekonomiku li jieħdu.

3. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi adegwati kollha fir-rigward tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet kollha konċernati li huwa jkun introduċa jew qiegħed fis-suq fl-Unjoni kollha.

4. Fejn l-installatur ma jhux azzjoni korrettiva adegwata fil-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji adegwati kollha biex jillimitaw jew jipprojbixxu l-introduzzjoni fis-suq nazzjonali tagħhom jew l-użu tal-liftijiet konċernati, jew biex il-lift jittieħed lura.

Fejn l-operatur ekonomiku rilevanti ma jhux azzjoni korrettiva adegwata fil-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji adegwati kollha biex jipprojbixxu jew jillimitaw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet **jitqiegħed** fis-suq nazzjonali jew biex il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jiġi irtirat minn dak is-suq jew biex dan jittieħed lura.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien, dwar dawk il-miżuri.

5. L-informazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4 għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, partikolarment id-data neċessarja għall-identifikazzjoni tal-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li ma jkunux konformi, l-orijini tagħhom, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u l-perjodu tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħdu u l-argumenti mressqa mill-operaturi ekonomiċi rilevanti. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nuqqas ta' konformità jkunx dovut għal waħda jew oħra minn dawn ir-raġunijiet:

(a) in-nuqqas tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza ta' din id-Direttiva; jew

(b) nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 14 li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità.

6. L-Istati Membri, barra mill-Istat Membru li jkun beda l-proċedura skont dan l-Artikolu, għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kull miżura adottata u dwar kull informazzjoni addizzjonali li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' konformità tal-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet konċernati, u, jekk ma jkunx hemm qbil mal-miżura nazzjonali adottata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

7. Fejn, fi żmien tliet xhur mir-riċezzjoni tal-informazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4, ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' xi miżura provviżorja meħuda minn Stat Membru, il-miżura għandha titqies bħala waħda ġustifikata.

8. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-miżuri restrittivi adegwati, bħall-irtirar tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet

mis-suq tagħhom, jittieħdu fir-rigward tal-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet konċernat, mingħajr dewmien.

Artikolu 39

Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

1. Fejn, wara li tkun tlestiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38(3) u (4), isiru oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru jew fejn il-Kummissjoni tqis li l-miżura nazzjonali tkun kuntrarja għal-leġislazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina jekk il-miżura nazzjonali hiġ ġustifikata jew le.

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lillhom u lill-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti.

2. Jekk il-miżura nazzjonali fir-rigward ta' lift titqies ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li jiġu ristretti jew projbiti l-introduzzjoni fis-suq jew l-użu tal-lift ikkonċernat li ma jkunx konformi, jew biex il-lift jittieħed lura.

Jekk il-miżura nazzjonali fir-rigward ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet titqies ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li ma jkunx konformi jiġi rtirat mis-suq tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar dan.

Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma tkunx ġustifikata, l-Istat Membru konċernat għandu jirtira dik il-miżura.

3. Fejn il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-list jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun attribwit għal nuqqasijiet fl-istandards armonizzati imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 38(5) ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 40

Lift jew komponent ta' sikurezza għal liftijiet konformi li jippreżentaw riskju

1. Fejn Stat Membru, wara li jkun wettaq valutazzjoni taħt l-Artikolu 38(1), isib li, għalkemm lift ikun konformi ma' din id-Direttiva, ikun jippreżenta riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni, u fejn ikun il-każ, għas-sikurezza tal-proprjetà, huwa għandu jesiġi li l-installatur jieħu l-miżuri adegwati kollha biex jiżgura li l-lift konċernat ma jippreżentax aktar dak ir-riskju jew li jieħu l-lift lura jew jirrestrinġi jew jipprojbixxi l-użu tiegħu fi żmien perjodu raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif l-Istat Membru jistabbilixxi.

Fejn Stat Membru, wara li jkun wettaq valutazzjoni taħt l-Artikolu 38(1), isib li, għalkemm komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun konformi ma' din id-Direttiva, ikun jippreżenta riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni, u fejn ikun il-każ, għas -sikurezza tal-proprjetà, huwa għandu jesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri adegwati kollha biex jiżgura li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet konċernat, meta jiġi introdott fis-suq, ma jippreżentax aktar dak ir-riskju, li jirtira l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet mis-suq jew jieħdu lura fi żmien perjodu raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif l-Istat Membru jistabbilixxi.

2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet kollha li huwa jkun introduċa jew qiegħed fis-suq fl-Unjoni kollha.

3. L-Istat Membru għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, partikolarment id-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati, l-oriġini u l-katina ta' provvista tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, in-natura tar-riskju li jkun hemm u n-natura u t-tul ta' żmien tal-miżuri nazzjonali meħuda.

4. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżuri nazzjonali meħuda. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jekk il-miżura nazzjonali hix ġustifikata jew le, u fejn ikun meħtieġ, tipproponi miżuri adegwati.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).

Għal raġunijiet imperattivi ġġustifikati ta' urġenza relatati mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 42(4).

5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti.

Artikolu 41

Nonkonformità formali

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38, fejn Stat Membru jagħmel xi waħda mill-iskoperti li ġejjin, huwa għandu jeżiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jitermina n-nuqqas tal-konformità konċernata:

(a) il-marka CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tal-Artikolu 19 ta' din id-Direttiva;

(b) il-marka CE ma tkunx twaħħlet;

(c) in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat ikun twaħħal bi ksur tal-Artikolu 19 jew ma jkunx twaħħal, fejn rikjest mill-Artikolu 19;

(d) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx saret;

(e) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx saret b'mod korrett;

(f) id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV, il-Partijiet A u B u l-Annessi VII, VIII u XI ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompleta.

(g) l-isem, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata jew l-indirizz tal-installatur, il-manifattur jew l-importatur ma jkunux ġew indikati f'konformità mal-Artikolu 7(6), l-Artikolu 8(6) jew l-Artikolu 10(3);

(h) l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma tkunx ġiet indikata b'konformità mal-Artikolu 7(5) jew l-Artikolu 8(5);

(i) il-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunux akkumpanjati mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 7(7) jew l-Artikolu 8(7) jew dawk id-dokumenti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti applikabbli.

2. Fejn jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru konċernat għandu jieħu l-miżuri adegwati kollha biex jillimita jew jipprojbixxi l-użu tal-lift jew jieħdu l-lift lura jew jillimita jew jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew jiżgura li dan jittieħed lura jew jiġi rtirat mis-suq.

KAPITOLU VI

PROĊEDURA TAL-KUMITAT, DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 42

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Liftijiet. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

5. Il-kumitat għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar kwalunkwe materja li għaliha hija meħtieġa konsultazzjoni ta' esperti settorjali mir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jew meħtieġa minn xi leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Il-kumitat, barra minn hekk, jista' jeżamina kwalunkwe kwistjoni oħra li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan id-Direttiva mqajma jew mill-president tiegħu jew minn rappreżentant ta' Stat Membru taħt ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 43

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur minn operaturi ekonomiċi, tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li dawn jiġu infurzati. Tali regoli jistgħu jinkludu penali kriminali għal ksur serju.

Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuasivi.

Artikolu 44

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

L-Istati Membri ma għandhomx ifixxlu li jibdew jintużaw liftijiet jew li jitqiegħdu fis-suq komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet koperti mid-Direttiva 95/16/KE li jkunu konformi ma' dik id-Direttiva u li ġew introdotti fis-suq qabel l-20 ta' April 2016.

Iċ-ċertifikati u d-deċiżjonijiet maħruġa minn korpi notifikat taħt id-Direttiva 95/16/KE għandhom ikunu validi taħt din id-Direttiva.

Artikolu 45

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sad-19 ta' April 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tintlaħaq konformità mal-punti 4 sa 21 tal-Artikolu 2, l-Artikoli 7 sa 14, 17 u 18, l-Artikolu 19(5), l-Artikoli 20 sa 44, l-Artikolu 45(1), l-Artikoli 47 u 48 u l-Anness II, Parti A punti (f), (k), (l), (m), l-Anness II, Parti B punti (e), (k), (l) u (m), l-Anness IV, Parti A punti 2(e), 3(c), 3(d), 3(f), punti 4(b) sa (e), punti 5 sa 9, l-Anness IV, Parti B punti 2(e), 3(c), 3(e), 3(h), punti 4(c) sa (e), punt 6 paragrafi 2, 3 u 4, punti 7 sa 10, l-Anness V, punt 3.2(b), punti 5 u 6, l-Anness VI, punti 3.1(a), (b) u (c), punt 3.3 paragrafi 4 u 5, punt 4.3, punt 7, l-Anness VII, punti 3.1(a), (b), (d) u (f), punt 3.3, punt 4.2, punt 7, l-Anness VIII, punti 3(c) u (e), 3(h) u punt 4, l-Anness IX, punti 3(a) sa (d), l-Anness X, punti 3.1(a), 3.1(e),

punt 3.4, punt 6, l-Anness XI, punti 3.1(a), (b), (c), u (e), punti 3.3.4 u 3.3.5, punti 3.4 u 3.5, punt 5(b), punt 6, l-Anness XII, punt 3.1(a), punt 3.3 u punt 6. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-20 ta' April 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Dawn għandhom jinkludu dikjarazzjoni li r-referenzi tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti tad-Direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza u kif tiġi fformulata dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 46

Reviżjoni

1. Qabel id-19 ta' April 2018 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' din id-Direttiva.

2. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq konsultazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti.

3. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposti għal reviżjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 47

Tħassir

Id-Direttiva 95/16/KE, kif emendata mill-atti elenkati fl-Anness XIII, Parti A, b'dan titħassar b'effett mill-20 ta' April 2016, bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness XIII, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XIV.

Artikolu 48

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1, punti 1 sa 4 tal-Artikolu 2, l-Artikoli 3 sa 6, 15 u 16, l-Artikolu 19(1) sa (4), l-Artikolu 44, l-Artikolu 45(2), l-Artikolu 49 u l-Anness I, l-Anness II, Parti A, punti (a) sa (e) u (g) sa (j), l-Anness II, Parti B, punti (a), (c), (d) u (f) sa (j), l-Anness III, l-Anness IV, Parti A, punt 1, punt 2(a) sa (d), punt 3(a) u (b), (e),(g) u (h), punt 4(a) u punt 10, l-Anness IV, Parti B, punt 1, punt 2(a) sa (d), punt 3(a), (b), (d), (f), (g), (i) u (j), punt 4(a) u (b), punt 6 paragrafu 1, punt 11, l-Anness V, punti 1 sa 3.1, punt 3.2(a), punti 3.3 sa 4, l-Anness VI, punti 1 u 2, punt 3.1(d) sa (f), punt 3.2, punt 3.3 paragrafi 1 sa 3, punti 3.4 sa 4.2, punt 6, l-Anness VII, punti 1 u 2, punt 3.1(c) u (e), punt 3.2, punt 3.4, punt 4.1, punti 4.3 sa 6, l-Anness VIII, punti 1 u 2, punt 3(a), (b), (f), (g) u (i), punt 6, l-Anness IX, punti 1 u 2, punti 4 sa 6, l-Anness X, punti 1 u 2, punt 3.1(b), (c) u (d), punti 3.2 u 3.3, punti 4 u 5, l-Anness XI, punti 1 u 2, punt 3.1(d), punt 3.2, punt 3.3.1, punt 4, punt 5(a), (c) u (d), l-Anness XII, punti 1 u 2, punti 3.1(b), (c) u (d), punt 3.2, punt 3.4, punti 4 u 5 għandhom japplikaw mid-19 ta' April 2016.

Artikolu 49

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, is-26 ta' Frar 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

ANNEX I

REKWIŻITI ESSENZJALI TA' SAĦĦA U SIKUREZZA

RIMARKI PRELIMINARI

1. L-obbligazzjonijiet taħt ir-rekwiżiti essenzzjali ta' saħħa u sikurezza japplikaw biss meta r-riskju korrispondenti jeżisti għal-lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet in kwistjoni meta jkun użat kif maħsub mill-installatur jew mill-manifattur.
2. Ir-rekwiżiti essenzzjali ta' saħħa u sikurezza li jinsabu fid-Direttiva huma imperattivi. Iżda, meqjus l-istat preżenti tas-sengħa, il-miri li jistipulaw jistgħu ma jkunux milħuqa. F'każi bħal dawn, u sal-akbar limitu possibbli, il-lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet għandu jkun iddisinjat u konstruwit b'tali mod hekk li jersaq viċin ta' dawk il-miri.
3. Il-manifattur u l-installatur huma taħt l-obbligazzjoni li jwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw ir-riskji kollha li jkunu applikabbli għall-prodotti tagħhom; huma għandhom imbagħad jiddisinjawhom u jibnuhom billi jqisu din il-valutazzjoni.

1. Ġenerali

1.1. *Applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE*

Meta r-riskju rilevanti jeżisti u ma jiġix ittrattat f'dan l-Anness, il-rekwiżiti essenzzjali ta' saħħa u sikurezza tal-Anness I li jinsab mad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ japplikaw. Ir-rekwiżiti essenzzjali ta' saħħa u sikurezza tal-punt 1.1.2 tal-Anness I li jinsab mad-Direttiva 2006/42/KE jkunu applikabbli f'kull każ.

1.2. *Parti trasportanti*

Il-parti trasportanti ta' kull lift għandha tkun kabina. Din il-kabina għandha tkun iddisinjata u konstruwita biex toffri l-ispażju u s-saħħa korrispondenti għan-numru massimu ta' persuni u tat-tagħbija nominali tal-lift stipulata mill-installatur.

Fil-każ ta' liftijiet maħsuba għat-trasport ta' persuni, meta d-dimensjonijiet jippermettu, il-kabina għandha tkun iddisinjata u konstruwita b'tali mod li l-karatteristiċi strutturali tagħha ma jfjixklux jew ma jimpedux l-aċċess u l-użu minn persuni b'diżabilità u li jippermetti kull aġġustament xieraq maħsub biex jiffaċilitaw l-użu minnhom.

1.3. *Mezzi ta' sospensjoni u mezzi ta' sostenn*

Il-mezzi ta' sospensjoni u/jew ta' sostenn tal-kabina, l-oġġetti mwaħħla magħha u l-partijiet terminali tagħha għandhom ikunu magħżula u ddisinjati hekk li jassiguraw livell xieraq ta' sikurezza ġenerali u li jnaqqsu r-riskju li l-kabina taqa', waqt li jingħata kont tal-kundizzjonijiet ta' użu, il-materjali użati u l-kundizzjonijiet tal-manifattura.

Meta ħbula jew ktajjen ikunu użati biex idendlu l-kabina, għandu jkun hemm mill-anqas żewġ ħbula jew ktajjen indipendenti, kull waħda bis-sistema ta' ankraġġ tagħha. Dawn il-ħbula u ktejjien ma għandhomx ikollhom twaħħil jew ġonot hliief fejn ikun meħtieġ għat-twaħħil jew biex tkun iffurmata ingassa.

1.4. *Kontroll ta' tagħbija (inkluża veloċità żejda)*

1.4.1. Il-liftijiet għandhom ikunu hekk iddisinjati, konstruwiti u installati li ma jibdex jaħdmu b'mod normali jekk it-tagħbija nominali tinqabeż.

1.4.2. Il-liftijiet għandhom ikunu mġhammra b'regolatur kontra veloċità żejda.

Dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għal-liftijiet li fihom id-disinn tas-sistema tal-mutur ma tħallix li jkun hemm veloċità żejda.

1.4.3. Liftijiet rapidi għandhom ikunu mġhammra b'sistema li tagħmel sorveljanza fuq il-veloċità u li tillimita l-veloċità.

1.4.4. Liftijiet li jkunu operati b'tarjoli ta' frizzjoni għandhom ikunu hekk iddisinjati li jassiguraw l-istabilità taċ-ċimi ta' trazzjoni fuq it-tarjola.

1.5. *Makkinarju*

1.5.1. Il-liftijiet kollha tal-passiġġieri għandu jkollhom il-makkinarju individwali tagħhom. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal-liftijiet li fihom il-kontrapiż ikun mibdul bit-tieni kabina.

⁽¹⁾ ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

1.5.2. L-installatur għandu jassigura li l-makkinarju tal-lift u l-apparati tal-lift assoċjat miegħu ma jkunux aċċessibbli hliief għall-manutenzjoni jew f'emerġenza.

1.6. Kontrolli

1.6.1. Il-kontrolli tal-liftijiet maħsuba għall-użu minn persuni b'disabilità li jkunu waħedhom għandhom ikunu hekk iddisinjati u u lokati kif xieraq.

1.6.2. Il-funzjoni tal-kontrolli għandha tkun kjarment indikata.

1.6.3. Iċ-ċirkwiti għal sejhan ta' grupp ta' lifts jistgħu jkollhom funzjoni koġunta jew ikunu interkonnessi.

1.6.4. L-apparat elettriku għandu jkun hekk installat u konness li:

(a) ma jista' jkun hemm possibbli l-ebda konfużjoni ma' ċirkwiti li ma jkollhom konnessjoni diretta mal-lift;

(b) il-provvista tal-elettriku tkun tista' tinxtgħel waqt li jkun mgħobbi;

(c) il-movimenti tal-lift ikunu dipendenti fuq apparat elettriku ta' sikurezza f'ċirkwit separat ta' sikurezza elettrika;

(d) ħsara fl-installazzjoni elettrika ma toħloqx sitwazzjoni perikoluża.

2. Riskji għall-persuni 'L barra mill-kabina

2.1. Il-lift għandu jkun hekk iddisinjat u kostruwit biex jassigura li l-isparju li fiha tivvjaġġa l-kabina jkun inaċċessibbli hliief għal manutenzjoni u f'emerġenzi. Qabel ma persuna tidħol f'dak l-isparju, l-użu normali tal-lift għandu jsir impossibbli.

2.2. Il-lift għandu jkun iddisinjat u kostruwit hekk li ma jħallix il-periklu ta' tgħaffiġ meta l-kabina tkun f'waħda mill-pożizzjonijiet estremi tagħha.

Din il-mira tkun inkisbet permezz ta' spazju vojta jew refuġju lil hinn mill-pożizzjonijiet estremi.

Iżda, f'każi speċifiċi, biex l-Istati Membri jingħataw il-possibilità ta' approvazzjoni minn qabel, b'mod partikolari f'binjiet eżistenti, meta din is-soluzzjoni tkun impossibbli li titwettagħ, mezzi oħra xierqa jistgħu ikunu pprovduti biex ikun evitat dan ir-riskju.

2.3. L-indani fid-dħul u l-ħruġ mill-kabina għandhom ikunu fornuti b'bibien ta' reżistenza mekkanika adegwata għall-kundizzjonijiet maħsuba tal-użu.

Apparat li jkun jorbot fuqu nnifsu għandu ma jħallix waqt l-operazzjoni normali:

(a) il-bidu tal-moviment tal-kabina, sew jekk attivata apposta sew jekk le, sakemm il-bibien kollha tal-indani ma jkunux magħluqa u msakkra;

(b) il-ftuħ tal-bieb tal-indana meta l-kabina tkun għadha tiċċaqlaq u l-barra minn żona ta' ndana preskritta.

Iżda, l-movimenti kollha tal-indana bil-bibien miftuħa għandu jitħalla f'żoni speċifiċi bil-kundizzjoni li l-veloċità ta' livellar tkun ikkontrollata.

3. Riskji għall-persuni fil-kabina

3.1. Il-kabini tal-lift għandhom ikunu magħluqa b'hitana it-tul kollu, art u soqfa mingħajr spazju inklużi, bl-eċċezzjoni ta' ftuħ ta' ventilazzjoni, u b'bibien fit-tul kollu. Dawn il-bibien għandhom ikunu hekk iddisinjati u installati li l-kabina ma tkunx tista' tiċċaqlaq, hliief movimenti tal-indana li hemm referenza dwarhom fit-tielet subparagrafu tal-punt 2.3, sakemm il-bibien ikunu magħluqa, u tasal f'waqfien jekk il-bibien jinfetħu.

Il-bibien tal-kabina għandhom jibqgħu magħluqa u mrikkba jekk il-lift jieqaf bejn żewġ livelli meta jkun hemm ir-riskju ta' waqa' bejn il-kabina u t-tromba jew jekk ma jkunx hemm tromba.

- 3.2. Fil-każ ta' qtuġh tal-kurrent jew ħsara tal-komponenti, il-lift għandu jkollu mezz biex il-kabina ma titħallhiex taq' jew tiċċaqlaq bla kontroll.

Il-mekkaniżmu li jipprevjeni l-waqgħa tal-kabina għandu jkun indipendenti mill-mezzi tas-sospensjoni tal-kabina.

Dan l-apparat għandu jkun jista' jwaqqaf il-kabina fit-tagħbija rratata tagħha u tal-veloċità massima antiċipata mill-installatur. Kull waqfien ikkaġunat minn dan l-apparat ma għandux johlq nuqqas ta' veloċità li tkun ta' ħsara għall-okkupanti jkunu xi jkunu l-kundizzjonijiet tat-tagħbija.

- 3.3. Il-bafers għandhom ikunu installati bejn il-qieġh tat-tromba u l-art tal-kabina.

F'dan il-każ, l-ispazju vojti li hemm referenza dwaru fil-punt 2.2 għandu jkun imkejjel bil-bafers ikunu kompletament ikkompresati.

Din il-ħtieġa ma tapplikax għal-liftijiet li fihom il-kabina ma tkunx tista' tidħol fl-ispazju vojti li hemm referenza dwaru fil-punt 2.2 minħabba d-disinn tas-sistema tat-tħaddim.

- 3.4. Il-liftijiet għandhom ikunu hekk iddisinjati u kostruwiti li jagħmluha impossibbli għalihom li jibdeu jitħaddmu jekk l-apparat li hemm dispożizzjoni dwaru fil-punt 3.2 ma jkunx f'pożizzjoni ta' operazzjoni.

4. Riskji oħra

- 4.1. Il-bibien tal-indani u l-bibien tal-kabina jew iż-żewġ bibien flimkien, meta jkunu jaħdmu b'mutur, għandhom ikunu mgħammra b'mezzi li ma jħallux li jseħħ ir-riskju ta' tgħaffiġ waqt li jkunu qed jiċċaqlqu.

- 4.2. Bibien tal-indani, fejn dawn għandhom jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-bini kontra n-nar, inklużi dawk li jkollhom partijiet tal-ħġieġ, għandhom ikunu reżistenti għan-nar b'mod xieraq fit-termini tal-integrità tagħhom u l-proprietajiet tagħhom fir-rigward ta' insulazzjoni (konteniment tal-fjammi) u t-trażmissjoni tas-sħana (radjazzjoni termali).

- 4.3. Il-kontrapiż għandu jkun hekk installat li jevita r-riskju li jkun jista' jaħbat ma', jew li jaqa' fuq il-kabina.

- 4.4. Il-liftijiet għandhom ikunu fornuti b'mezzi li jiffaċilitaw li persuni maqbuda fil-kabina jkunu jistgħu jinħelsu u jkunu evakwati.

- 4.5. Il-kabini għandhom ikunu mgħammra b'mezzi ta' komunikazzjoni minn żewġ naħat li tippermetti kuntatt permanenti ma' servizz ta' salvataġġ.

- 4.6. Il-liftijiet għandhom ikunu hekk iddisinjati u kostruwiti biex, fil-każ li t-temperatura tal-makkinarju tal-lift teċċedi il-massimi stabbiliti mill-installatur, dawn ikunu jistgħu jibqgħu jwettqu l-moviment li jkun iseħħ imma li mbagħad jiċċdu ordnijiet ġodda.

- 4.7. Il-kabini għandhom ikunu iddisinjati u kostruwiti biex jassiguraw ventilazzjoni suffiċjenti għall-passiġġieri, ukoll fil-każ ta' waqfien fit-tul.

- 4.8. Il-kabina għandha tkun mixgħula b'mod adegwat kull meta tkun qed tintuża jew meta jinfetaħ biebs; għandu wkoll ikun hemm dawl ta' emerġenza.

- 4.9. Il-mezzi ta' komunikazzjoni li hemm referenza dwarhom fil-punt 4.5 u d-dawl ta' emerġenza li hemm referenza dwaru fil-punt 4.8 għandhom ikunu ddisinjati u kostruwiti sabiex dawn jiffunzjonaw ukoll mingħajr il-forniment tas-soltu tal-enerġija. Il-perjodu tal-operat tagħhom għandu jkun twil biżżejjed biex jippermetti l-operat tal-proċedura ta' salvataġġ.

- 4.10. Iċ-ċirkuwiti tal-kontrolli tal-liftijiet li jistgħu jintużaw fil-każ ta' ħruq għandhom ikunu ddisinjati u manifatturati hekk li l-liftijiet ma jkunux jistgħu jieqfu bejn ċerti livelli u jħallu għal kontroll ta' prijorità tal-lift minn nies tas-salvataġġ.

5. Immarkar

- 5.1. B'żieda mal-partikolaritajiet minimi meħtieġa għal xi makkinarju skont il-punt 1.7.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, kull kabina għandu jkollha pjanċa kjarament viżibbli li turi t-tagħbija ratata f'kilogrammi u n-numru massimu ta' passiġġieri li jistgħu jinġarru.

- 5.2. Jekk il-lift ikun iddisinjat biex jippermetti persuni maqbuda fil-kabina li joħorġu mingħajr għajjnuna minn barra, l-istruzzjonijiet rilevanti għandhom ikunu ċari u viżibbli fil-kabina.

6. Istruzzjonijiet

6.1. Il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li hemm referenza dwarhom fl-Anness III għandhom ikunu akkumpanjati b'istruzzjonijiet, sabiex dawn li ġejjin ikunu jistgħu jitwettqu b'mod effettiv u mingħajr periklu:

- (a) l-immuntar;
- (b) il-konnessjoni;
- (c) l-aġġustament;
- (d) il-manutenzjoni.

6.2. Kull lift għandu jkun akkumpanjat b'istruzzjonijiet għall-użu. L-istruzzjonijiet għandu jkun fihom, mill-anqas id-dokumenti li ġejjin:

- (a) istruzzjonijiet li jkun fihom il-pjanti u d-disinji meħtieġa għall-użu normali u fir-rigward tal-manutenzjoni, l-ispezzjoni, it-tiswija, il-verifiki perjodiċi u l-operazzjonijiet ta' salvataġġ li hemm referenza dwarhom fil-punt 4.4;
 - (b) reġistru li fih jinkitbu t-tiswijiet u, fejn xieraq, il-verifiki perjodiċi.
-

ANNEX II

A. KONTENUT TAD-DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ TAL-UE GĦALL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJJET

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għandu jkun fiha din l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-manifattur;
- (b) fejn xieraq, l-isem tan-negozju u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat;
- (c) deskrizzjoni tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, dettalji tat-tip jew serje u n-numru tas-serje (jekk ikun hemm); jekk ikun neċessarju għall-identifikazzjoni tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, din tista' tinkludi stampa;
- (d) il-funzjoni ta' sikurezza tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, jekk dan ma jkunx ovvju mid-deskrizzjoni;
- (e) is-sena tal-manifattura tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet;
- (f) id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha li magħhom ikun konformi l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet;
- (g) dikjarazzjoni li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet huwa konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni;
- (h) fejn xieraq, ir-referenza jew ir-referenzi għall-istandard(s) armonizzati użati;
- (i) fejn xieraq, l-isem, l-indirizz u n-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun wettaq l-eżami tat-tip tal-UE ta' komponent ta' sikurezza għal liftijiet imsemmija fl-Anness IV, Parti A, u fl-Anness VI, u r-referenza taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE maħruġ minn dak il-korp notifikat;
- (j) fejn xieraq, l-isem, l-indirizz u n-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun wettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità mat-tip permezz ta' kontrolli fuq bażi każwali għal komponenti ta' sikurezza għal liftijiet imsemmija fl-Anness IX;
- (k) fejn xieraq, l-isem, l-indirizz u n-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità mħaddma mill-manifattur skont il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità imsemmija fl-Anness VI jew fl-Anness VII;
- (l) l-isem u l-funzjoni tal-persuna bis-setgħa li tiffirma d-dikjarazzjoni f'isem il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;
- (m) post u data tal-firma;
- (n) firma.

B. IL-KONTENUT TAD-DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ TAL-UE GĦAL-LIFTIJJET

Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal-liftijiet għandha tkun abbozzata fl-istess ilsien bħal dak tal-istruzzjonijiet imsemmija fil-punt 6.2 tal-Anness I, u għandu jkun fiha din l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-isem tan-negozju u l-indirizz ta' min jinstalla;
- (b) fejn xieraq, l-isem tan-negozju u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat;
- (c) id-deskrizzjoni tal-lift, dettalji tat-tip jew serje, numru tas-serje u l-indirizz fejn il-lift ikun installat;
- (d) is-sena tal-installazzjoni tal-lift;
- (e) id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha li magħhom il-lift ikun konformi;
- (f) dikjarazzjoni li l-lift huwa konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni;
- (g) fejn xieraq, ir-referenza jew ir-referenzi għall-istandard jew standards armonizzati użati;

- (h) fejn xieraq, l-isem, l-indirizz u n-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun wettaq l-eżami tat-tip tal-UE ta' liftijiet imsemmija fl-Anness IV, Parti B, u r-referenza taċ-ċertifikat tat-tip tal-eżami tal-UE maħruġ minn dak il-korp notifikat;
 - (i) fejn xieraq, l-isem, l-indirizz u n-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun wettaq il-proċedura tal-ispezzjoni tal-unità ta' liftijiet imsemmija fl-Anness VIII;
 - (j) fejn xieraq, l-isem, l-indirizz u n-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun wettaq l-ispezzjoni finali ta' liftijiet imsemmija fl-Anness V;
 - (k) fejn xieraq, l-isem, l-indirizz u n-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' assicurazzjoni ta' kwalità imħaddma mill-installatur skont il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità imsemmija fl-Anness X, XI jew XII;
 - (l) l-isem u l-funzjoni tal-persuna bis-setgħa li tiffirma d-dikjarazzjoni f'isem l-installatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu,
 - (m) post u data tal-firma;
 - (n) firma.
-

ANNEX III

LISTA TA' KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJIET

1. Apparat sabiex jissakkru il-bibien tal-indani.
 2. Apparat biex ma jħallix li jseħħu l-waqgħat li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.2 tal-Anness I biex ma jħallux il-kabina milli taqa' jew li jkollha moviment mhux ikkontrollat.
 3. Apparat biex jillimita l-veloċità żejda.
 4. (a) Bafers li jakkumulaw l-enerġija:
 - (i) mhux lineari, jew
 - (ii) b'effett ta' kuxxinett meta l-moviment ikun ġej lura.
 - (b) Bafers li jiddissipaw l-enerġija.
 5. Apparat ta' sikurezza mwaħħal ma' apparat tal-irfiġh b'ċirkwiti ta' enerġija idrawlika meta dawn jintużaw bħala mekkaniżmi biex jipprevjenu l-waqgħat.
 6. Apparat elettriku ta' sikurezza fl-għamla ta' ċirkwiti ta' sikurezza li jkun fihom komponenti elettroniċi.
-

ANNEX IV

EŻAMI TAT-TIP TAL-UE GĦAL-LIFTIJET U L-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJET

(modulu B)

A. Eżami tat-tip tal-ue ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet

1. L-eżami tat-tip tal-UE hija l-parti minn proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li fiha korp notifikat jeżamina d-disinn tekniku ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u jivverifika u jafferma li d-disinn tekniku tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza tal-Anness I u se jippermetti li lift fejn dan il-komponent qiegħed inkorporat korrettament, jissodisfa dawk ir-rekwiżiti.
2. L-applikazzjoni għall-eżami tat-tip tal-UE għandha tkun ippreżentata mill-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, lill-korp notifikat wieħed tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll u l-post tal-manifattura tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet;
 - (b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor;
 - (c) id-dokumentazzjoni teknika;
 - (d) kampjun rappreżentattiv tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew dettalji tal-post ta' fejn ikun jista' jiġi eżaminat. Il-korp notifikat jista' jitlob aktar kampjuni jekk ikunu meħtieġa biex isir il-programm tat-test;
 - (e) l-evidenza ta' sostenn għall-adegwatezza tas-soluzzjoni tad-disinn tekniku. Din l-evidenza ta' sostenn għandha ssemmi kull dokument, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, li jkun intuża, b'mod partikolari fejn l-istandards armonizzati rilevanti ma jkunux ġew applikati b'mod sħiħ. L-evidenza ta' sostenn għandha tinkludi, fejn meħtieġ, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa skont speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra mil-laboratorju adattat tal-manifattur, jew minn laboratorju ieħor tal-ittestjar f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.
3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li tiġi vvalutata l-konformità tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet mal-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1 u għandha tinkludi analiżi u valutazzjoni adegwati tar-riskju jew riskji. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli u tkopri sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn, il-manifattura u l-operat tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha, fejn applikabbli, tinkludi dan li ġej:

- (a) deskrizzjoni tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, inkluż il-qasam tiegħu tal-użu (b'mod partikolari l-possibbiltà ta' limiti dwar veloċità, tagħbija u saħħa) u kundizzjonijiet (b'mod partikolari f'ambjenti esplużivi u espōniment għall-elementi);
- (b) tpinġijiet u pjanti tad-disinn u l-manifattura;
- (c) spjegazzjonijiet meħtieġa biex wieħed jifhem dawn it-tpinġijiet u d-dijagrammi u t-tħaddim tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet;
- (d) lista ta' standards armonizzati applikati bis-sħiħ jew parzjalment li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u, fejn dawk l-istandards armonizzati ma ġewx applikati, deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun jista' jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1, inkluża lista ta' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra applikati. Fil-każ ta' standards armonizzati applikati parzjalment, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika l-partijiet li ġew applikati;
- (e) ir-riżultati ta' xi kalkolazzjonijiet ta' disinn imwettqa mill-manifattur jew għalih;
- (f) rapporti ta' testijiet;

- (g) kopja tal-istruzzjonijiet għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet;
- (h) il-passi meħuda fl-istadju tal-manifattura biex jiġi żgurat li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu ġew immanifatturati f'serje, jkunu konformi mal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet eżaminati.

4. Il-korp notifikat għandu:

- (a) jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u l-evidenza ta' sostenn biex jivvaluta l-adeqgatezza tad-disinn tekniku tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet;
- (b) jiftiehem mal-applikant dwar post fejn se jitwettqu l-eżamijiet u t-testijiet;
- (c) jivverifika li l-kampjun jew il-kampjuni rappreżentattivi jkunu ġew immanifatturati b'konformità mad-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li ġew iddisinjati skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istandards armonizzati rilevanti, kif ukoll l-elementi li ġew iddisinjati skont speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra;
- (d) iwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabblad lil min jagħmilhom, biex jiċċekkja jekk, fejn il-manifattur ikun għażel li japplika l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards armonizzati rilevanti, dawn ġewx applikati b'mod korrett;
- (e) iwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabblad lil min jagħmilhom, biex jiċċekkja jekk, fejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards armonizzati rilevanti ma ġewx applikati, is-soluzzjonijiet adottati mill-manifattur fl-applikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra jippermettux lill-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1.

Il-korp notifikat għandu jħejji rapport ta' evalwazzjoni li jirreġistra l-eżamijiet, il-verifiki u t-testijiet imwettqa u l-eżiti tagħhom. Bla ħsara għall-obbligi tiegħu fil-konfront tal-awtoritajiet notifikanti, il-korp notifikat għandu jgħodgħ il-kontenut ta' dak ir-rapport, b'mod sħiħ jew parzjali, biss bi qbil mal-manifattur.

5. Fil-każ fejn it-tip ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1, il-korp notifikat għandu jgħodgħ ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE lill-manifattur. Dak iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-manifattur, il-konklużjonijiet tal-eżami tat-tip tal-UE, u kull kundizzjoni ta' validità taċ-ċertifikat u l-partikolaritajiet meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat.

Iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE jista' jkollu anness wieħed jew aktar meħmużin miegħu.

Iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE u l-annessi tiegħu għandu jkollhom l-informazzjoni rilevanti kollha biex tkun tista' tiġi evalwata l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza manifatturati għal-liftijiet mat-tip eżaminat u biex ikun hemm lok għal kontroll intern.

Fejn it-tip ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1, il-korp notifikat għandu jirrifjuta li jgħodgħ ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE u għandu jinforma lill-applikant dwar dan, filwaqt li jagħti raġunijiet dettaljati għar-rifjut tiegħu.

Il-korp notifikat għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE, l-annessi u ż-żidiet tiegħu, kif ukoll id-dokumentazzjoni teknika u r-rapport ta' evalwazzjoni, għal 15-il sena mid-data ta' ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat.

6. Il-korp notifikat għandu jżomm lilu nnifsu informat dwar kull tibdil fl-aktar teknoloġija avvanzata rikonossuta b'mod ġenerali li tindika li t-tip approvat ma jistax jibqa' jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1 u għandu jidde-termina jekk dan it-tibdil jirrikjedix investigazzjoni ulterjuri. Jekk dan ikun il-każ, il-korp notifikat għandu jinforma lill-manifattur dwar dan.

7. Il-manifattur għandu jinforma lill-korp notifikat li għandu d-dokumentazzjoni teknika relatata maċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE dwar kull modifika lit-tip approvat li tista' taffettwa l-konformità tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet mal-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1 jew il-kundizzjonijiet tal-validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE.

Il-korp notifikat għandu jeżamina l-modifiki u jinforma lill-applikant jekk iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE jkunx għadu validu jew jekk hemmx bżonn aktar eżamijiet, verifiki jew testijiet. Kif xieraq, il-korp notifikat għandu jgħodgħ żieda maċ-ċertifikat oriġinali ta' eżami tat-tip tal-UE jew jitlob li tkun ippreżentata applikazzjoni ġdida għal eżami tat-tip tal-UE.

8. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità notifikanti tiegħu rigward iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u kull żieda magħhom li jkun ħareġ jew irtira, u għandu, perjodikament jew wara talba, jagħmel disponibbli lill-awtorità notifikanti tiegħu l-lista ta' tali ċertifikati u kull żieda magħhom li jkun irrifjuta, issospenda jew b'xi mod ieħor illimita.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti l-oħra dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u kull żieda magħhom li jkun irrifjuta, irtira, issospenda jew b'xi mod ieħor illimita, u, wara talba, dwar tali ċertifikati u/jew iż-żidiet magħhom maħruġa minnu.

9. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi notifikati l-oħra jistgħu, wara talba, jiksbu kopja taċ-ċertifikati ta' eżami tat-tip tal-UE u ż-żidiet magħhom. Wara talba, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja tad-dokumentazzjoni teknika u tar-rapport dwar l-eżamijiet, il-verifiki u t-testijiet imwettqa mill-korp notifikat.
10. Il-manifattur għandu jżomm mad-dokumentazzjoni teknika kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE, l-annessi u ż-żidiet tagħha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun ġie introdott fis-suq.

11. Ir-rappreżentant awtorizzat

Ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur jista' jippreżenta l-applikazzjoni msemmija fil-punt 2 u jwettaq l-obbligi msemmija fil-punti 7 u 10, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

B. Eżami tat-tip tal-ue tal-liftijiet

1. L-eżami tat-tip tal-UE hija l-parti minn proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li fiha korp notifikat jeżamina d-disinn tekniku ta' mudell ta' lift, jew lift li għalih m'hemmx dispożizzjoni għal estensjoni jew varjant, u jivverifika u jiddikjara li d-disinn tekniku tal-mudell ta' lift jew tal-lift jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

L-eżami tat-tip tal-UE ta' lift jinkludi eżami ta' kampjun rappreżentattiv ta' lift komplet.

2. L-applikazzjoni għal eżami tat-tip tal-UE għandha tkun ippreżentata mill-installatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma' korp notifikat wieħed tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-installatur; u, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu wkoll, f'każ li l-applikazzjoni tkun ippreżentata minnu;
- (b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor;
- (c) id-dokumentazzjoni teknika;
- (d) dettalji tal-post ta' fejn il-kampjun rappreżentattiv ta' lift ikun jista' jiġi eżaminat. Il-kampjun rappreżentattiv ta' lift ippreżentat għal eżami għandu jinkludi l-partijiet terminali kollha u li jkun jista' jservi mill-anqas tliet livelli (fuq, nofs u isfel);
- (e) l-evidenza ta' sostenn għall-adegwatezza tas-soluzzjoni tad-disinn tekniku. Din l-evidenza ta' sostenn għandha ssemmi kull dokument, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra li jkun intuża, b'mod partikolari fejn l-istandards armonizzati rilevanti ma jkunux ġew applikati b'mod sħiħ. L-evidenza ta' sostenn għandha tinkludi, fejn meħtieġ, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa skont speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra mil-laboratorju adattat tal-installatur, jew minn laboratorju ieħor tal-ittestjar fismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tagħmilha possibbli li ssir valutazzjoni tal-konformità tal-lift mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha, fejn applikabbli, tinkludi dan li ġej:

- (a) deskrizzjoni tal-mudell tal-lift li tindika kjarment il-varjazzjonijiet permessi kollha għall-mudell ta' lift;
- (b) tpinġijiet u pjanti tad-disinn u l-manifattura;

- (c) spjegazzjonijiet meħtieġa biex wieħed jifhem dawn it-tpiġġijiet u d-dijagrammi u t-tħaddim tal-lift;
 - (d) lista tal-ħtiġijiet ta' saħħa u sikurezza essenzjali li jkunu kkunsidrati;
 - (e) lista ta' standards armonizzati applikati bis-sħiħ jew parzjalment li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u, fejn dawn l-istandards armonizzati ma ġewx applikati, deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I, inkluża lista ta' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra applikati. Fil-każ ta' standards armonizzati applikati parzjalment, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika l-partijiet li ġew applikati;
 - (f) kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet inkorporati fil-lift;
 - (g) ir-riżultati ta' kalkolazzjonijiet ta' disinn imwettqa mill-installatur jew għalih;
 - (h) rapporti tat-test;
 - (i) kopja tal-istruzzjonijiet tal-lift imsemmija fil-punt 6.2 tal-Anness I;
 - (j) il-passi meħuda fl-istadju tal-installazzjoni biex jiġi assigurat li lift prodott f'serje jkun konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.
4. Il-korp notifikat għandu:
- (a) jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u evidenza ta' sostenn biex jistma l-adeqwatezza tad-disinn tekniku tal-mudell ta' lift jew tal-lift li għalih m'hemmx dispożizzjoni għal estensjoni jew varjant;
 - (b) jiftiehem mal-installatur dwar post fejn se jitwettqu l-eżamijiet u t-testijiet;
 - (c) jeżamina l-kampjun rappreżentattiv ta' lift biex jiġi ċċekkjat li dan ikun ġie mmanifatturat b'konformità mad-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li ġew iddisinjati skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istandards armonizzati rilevanti, kif ukoll l-elementi li ġew iddisinjati skont standards tekniċi rilevanti oħra;
 - (d) jagħmel l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabbd lil min jagħmilhom, biex jiċċekkja jekk, fejn l-installatur ikun għażel li japplika l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards armonizzati rilevanti, dawn ġewx applikati b'mod korrett;
 - (e) iwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabbd lil min jagħmilhom, biex jiċċekkja jekk, fejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards armonizzati rilevanti ma ġewx applikati, is-soluzzjonijiet adottati mill-installatur fl-applikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.
5. Il-korp notifikat għandu jħejji rapport ta' evalwazzjoni li jirreġistra l-eżamijiet, il-verifiki u t-testijiet imwettqa u l-eżiti tagħhom. Bla ħsara għall-obbligi tiegħu fil-konfront tal-awtoritajiet notifikanti, il-korp notifikat għandu jorog il-kontenut ta' dak ir-rapport, b'mod sħiħ jew parzjali, biss bi qbil mal-installatur.
6. Fejn it-tip ikun konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I applikabbli għal-lift konċernat, il-korp notifikat għandu jorog ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE lill-installatur. Dak iċ-ċertifikat għandu jkun fih l-isem u l-indirizz tal-installatur tal-lift, il-konklużjonijiet tal-eżami tat-tip tal-UE, xi kundizzjonijiet tal-validità taċ-ċertifikat u l-partikolaritajiet meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat.

Iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE jista' jkollu anness wieħed jew aktar mehmużin.

Iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE u l-annessi tiegħu għandhom jinkludu l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex il-liftijiet ikunu jistgħu jkunu konformi mat-tip approvat li jrid jiġi vvalutat matul l-aħħar ispezzjoni.

Fejn it-tip ma jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I, il-korp notifikat għandu jirrifjuta li jorog ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE u għandu jinforma b'dan lill-installatur, fejn jagħti raġunijiet dettaljati għar-rifjut tiegħu.

Il-korp notifikat għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE, l-annessi u ż-żidiet tiegħu, kif ukoll id-dokumentazzjoni teknika u r-rapport ta' evalwazzjoni, għal 15-il sena mid-data ta' ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat.

7. Il-korp notifikat għandu jżomm lill-nnifsu informat dwar kull bidla fit-teknoloġija l-aktar avvanzata ġeneralment rikonoxxuta, li tindika li t-tip approvat jista' ma jikkonformax aktar mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I u għandu jiddetermina jekk tali bidliet ikunux jeħtieġu aktar investigazzjonijiet. Jekk ikun il-każ, il-korp notifikat għandu jinforma lill-installatur dwar dan.

8. L-installatur għandu jinforma lill-korp notifikat dwar kull modifika fit-tip approvat, inklużi l-varjazzjonijiet mhux speċifikati fid-dokumentazzjoni teknika oriġinali, li jistgħu jaffettwaw il-konformità tal-lift mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I jew il-kundizzjonijiet ta' validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE.

Il-korp notifikat għandi jeżamina l-modifika u jinforma lill-installatur jekk iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE jkunx għadu validu jew jekk hemmx bżonn isiru aktar eżamijiet, verifiki jew testijiet. Il-korp notifikat għandu joħroġ, kif xieraq, żieda maċ-ċertifikat oriġinali tal-eżami tat-tip tal-UE jew jitlob li tkun ippreżentata applikazzjoni ġdida għal eżami tat-tip tal-UE.

9. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità notifikanti tiegħu dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u dwar kull żieda magħhom li jkun ħareġ jew irtira, u għandu, perjodikament jew wara talba, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti tiegħu l-lista ta' tali ċertifikati u kull żieda magħhom li jkun irrifjuta, issospenda jew b'xi mod ieħor illimita.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u kull żieda magħhom, li jkun irrifjuta, irtira, issospenda jew b'xi mod ieħor illimita u, jekk jintalab jagħmel dan, dwar tali ċertifikati u ż-żidiet magħhom maħruġa minnu.

10. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi notifikati l-oħra jistgħu, wara talba, jakkwistaw kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u ż-żidiet magħhom. Wara talba, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja tad-dokumentazzjoni teknika u tar-rapport dwar l-eżamijiet, il-verifiki u t-testijiet imwettqa mill-korp notifikat.

11. L-installatur għandu jżomm, mad-dokumentazzjoni teknika, kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE, inklużi l-annessi u ż-żidiet tagħha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin minn meta l-aħħar lift ikun ġie introdott fis-suq.

12. Ir-rappreżentant awtorizzat

Ir-rappreżentant awtorizzat tal-installatur jista' jippreżenta l-applikazzjoni msemmija fil-punt 2 u jwettaq l-obbligi msemmija fil-punti 8 u 11, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

—

ANNEX V

ISPEZZJONI FINALI GĦAL-LIFTIJET

1. L-ispezzjoni finali hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jaċċerta u jiċċertifika li lift suġġett għal-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE jew iddisinjat u mmanifatturat skont sistema approvata ta' kwalità, jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

2. **Obbligi tal-installatur**

L-installatur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-lift li jkun qed jiġi installat jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I u ma' waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) tip approvat deskritt f'ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE;
- (b) lift iddisinjat u mmanifatturat skont sistema ta' kwalità skont l-Anness XI u ċ-ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-UE jekk id-disinn ma jkunx għal kolloxx skont l-istandards armonizzati.

3. **Ispezzjoni finali**

Korp notifikat magħżul mill-installatur għandu jagħmel l-ispezzjoni finali tal-lift installat li jkun se jiġi introdott fis-suq biex jiċċekkja l-konformità tal-lift mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

- 3.1. L-installatur għandu jippreżenta applikazzjoni għal ispezzjoni finali ma' korp notifikat uniku tal-għażla tiegħu u għandu jipprovdi lill-korp notifikat id-dokumenti li ġejjin:

- (a) il-pjanta tal-lift komplut;
- (b) il-pjanti u d-disinji meħtieġa għall-ispezzjoni finali, b'mod partikolari tad-disinji taċ-ċirkwiti ta' kontroll;
- (c) kopja tal-istruzzjonijiet imsemmijin fl-Anness I, il-punt 6.2.
- (d) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor.

Il-korp notifikat ma jistax jeħtieġ pjanti dettaljati jew informazzjoni preċiża li ma tkunx meħtieġa għall-verifika tal-konformità tal-lift.

L-eżamijiet u t-testijiet xierqa stabbiliti fl-istandards armonizzati rilevanti jew testijiet ekwivalenti, għandhom jitwettqu biex tiġi kontrollata l-konformità tal-lift mal-ħtiġijiet ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I.

- 3.2. L-eżamijiet għandhom jinkludu mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) l-eżami tad-dokumenti msemmija fil-punt 3.1 biex jiġi ċċekkjat li l-lift jikkonforma mat-tip approvat deskritt f'ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE skont l-Anness IV, Parti B;
- (b) l-eżami tad-dokumenti msemmija fil-punt 3.1 biex jiġi ċċekkjat li l-lift jikkonforma mal-lift iddisinjat u mmanifatturat skont sistema approvata ta' kwalità skont l-Anness XI u jekk id-disinn ma jkunx għalkolloxx skont l-istandards armonizzati, maċ-ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-UE.

- 3.3. It-testijiet tal-lift għandhom jinkludu mill-inqas dawn li ġejjin:

- (a) l-operazzjoni tal-lift, kemm vojta u wkoll bit-tagħbija massima biex tiġi assicurata l-installazzjoni korretta u l-operat tal-apparat ta' sikurezza (waqfien fit-termini, apparat ta' tiskir, eċċ.);
- (b) l-operazzjoni tal-lift kemm bit-tagħbija massima u wkoll vojta biex jiġi assigurat il-funzjonament korrett tal-apparat ta' sikurezza fil-każ ta' qtugħ tal-elettriku;
- (c) test statiku b'tagħbija ta' 1,25 drabi tat-tagħbija nominali.

It-tagħbija nominali għandha tkun dik li hemm referenza dwarha fl-Anness I, il-punt 5.

Wara dawn it-testijiet, il-korp notifikat għandu jivverifika li ma jkunx seħħ xi tgħawwiġ jew deterjorazzjoni li tista' tfixxkel l-użu tal-lift.

4. Jekk il-lift jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I, il-korp notifikat għandu jwahaħhal jew jara li jitwahaħhal in-numru tal-identifikazzjoni tiegħu biswit il-marka CE skont l-Artikoli 18 u 19 u għandu jgħodġ ċertifikat ta' ispezzjoni finali li jsemmi l-eżamijiet u t-testijiet imwettqa.

Il-korp notifikat għandu jimla l-paġni korrispondenti tar-reġistru li hemm referenza dwaru fl-Anness I, il-punt 6.2.

Jekk il-korp notifikat jirrifjuta li jgħodġ iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni finali, għandu jagħti raġunijiet dettaljati għar-rifjut u jindika l-miżuri korrettivi meħtieġa li għandhom jittieħdu. Meta l-installatur tal-lift jerġa' japplika għall-ispezzjoni finali, hu għandu japplika mal-istess korp notifikat.

5. **Il-marka CE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE**

- 5.1. L-installatur għandu jwahaħhal il-marka CE fil-kabina ta' kull lift li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza ta' din id-Direttiva u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat msemmi fil-punt 3.1, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar biswit il-marka CE fil-kabina ta' kull lift.

- 5.2. L-installatur għandu jfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull lift u jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni finali għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq. Meta ssir talba għaliha, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE lill-awtoritajiet rilevanti.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni finali wara talba.

7. **Ir-rappreżentant awtorizzat**

L-obbligi tal-installatur stipulati fil-punti 3.1 u 5, jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, fismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

ANNEX VI

KONFORMITÀ MAT-TIP IBBAŻATA FUQ L-ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-PRODOTT GĦALL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJJET

(modulu E)

1. Il-konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jivvaluta s-sistema ta' kwalità ta' manifattur sabiex jiżgura li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet huma mmanifatturati u mmonitorjati b'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I u se jippermettu li l-lift li miegħu jkunu inkorporati b'mod korrett jissodisfa dawk ir-rekwiżiti.

2. L-obbligi tal-manifattur

Il-manifattur għandu jopera sistema approvata ta' kwalità għall-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet kif speċifikat fil-punt 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

3. Sistema ta' kwalità

3.1. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni, għall-istima tas-sistema ta' kwalità tal-prodott tiegħu għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet konċernati ma' korp notifikat wieħed tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
- (b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor;
- (c) l-indirizz tal-post fejn isiru l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet;
- (d) l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jridu jiġu mmanifatturati;
- (e) id- dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' kwalità;
- (f) id-dokumentazzjoni teknika tal-komponenti approvati ta' sikurezza għal-liftijiet u kopja taċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE.

3.2. Skont is-sistema ta' kwalità, kull komponent ta' sikurezza għal-liftijiet għandu jiġi ispezzjonat u t-testijiet xierqa kif stipulati fl-istandards armonizzati rilevanti jew testijiet ekwivalenti għandhom jitwettqu sabiex tiġi assicurata l-konformità tiegħu mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 1. L-elementi kollha, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet adottati mill-manifattur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fl-għamla ta' politiki bil-miktub, proċeduri u istruzzjonijiet. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, pjanti, manwali u reġistri.

Għandu jkun fiha, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

- (a) il-miri tal-kwalità;
- (b) l-istruttura tal-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-kwalità tal-prodott;
- (c) l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom jitwettqu wara l-manifattura;
- (d) il-mezzi biex tiġi mmonitorjata l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità; u
- (e) reġistri tal-kwalità, bħalma huma rapporti tal-ispezzjoni u dejta dwar it-testijiet, dejta ta' kalibrizzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati.

3.3. Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema ta' kwalità biex jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawk il-ħtiġijiet fir-rigward tal-elementi tas-sistemi ta' kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat rilevanti.

Apparti l-esperjenza f'sistemi ta' ġestjoni ta' kwalità, il-grupp tal-awdituri għandu jkollu mill-anqas membru wieħed b'esperjenza ta' stima fit-teknoloġija kkonċernata tal-lift u għarfien tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

L-eżerċizzju ta' awditjar għandu jinkludi żjara ta' valutazzjoni fil-bini tal-manifattur.

Il-grupp tal-awdituri għandu jeżamina d-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3.1(f) biex jivverifika l-abbiltà tal-manifattur li jidentifika r-rekwiżiti rilevanti ta' din id-Direttiva u jagħmel l-eżamijiet neċessarji sabiex jiżgura l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal liftijiet ma' dawk ir-rekwiżiti.

Id-deċiżjoni għandha tiġi innotifikata lill-manifattur. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżerċizzju ta' awditjar u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

- 3.4. Il-manifattur għandu jintrabat li jissodisfa l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema ta' kwalità kif approvata u li jżommha sabiex tibqa' adegwata u effiċjenti.
- 3.5. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat għandu jżomm lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità infurmat dwar kull tibdil maħsub fis-sistema ta' kwalità.

Il-korp notifikat għandu jistma l-modifikazzjonijiet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità hijiex se tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt 3.2 jew jekk stima mill-ġdid tkunx meħtieġa.

Għandu jinnotifika lill-manifattur bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat

- 4.1. L-iskop tas-sorveljanza huwa li jiġi żgurat li l-manifattur iwettaq kif suppost l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema approvata ta' kwalità.
- 4.2. Il-manifattur għandu, għal skopijiet ta' valutazzjoni, jippermetti lill-korp notifikat aċċess għall-post fejn isseħħ l-ispezzjoni, it-testijiet u l-lokalitajiet tal-ħażna u li jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:
 - (a) id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità;
 - (b) id-dokumentazzjoni teknika;
 - (c) ir-reġistri ta' kwalità, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dejta dwar it-testijiet, id-dejta ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati.
- 4.3. Il-korp notifikat għandu perjodikament iwettaq eżerċizzji ta' awditjar biex jassigura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport ta' awditjar.
- 4.4. B'żieda, il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat għall-għarrieda fil-bini tal-manifattur fejn isiru l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

Waqt dawk iż-żjarat, il-korp notifikat jista', fejn meħtieġ, iwettaq testijiet jew jara li dawn jitwettqu sabiex jivverifika l-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kwalità. Dan għandu jipprovdi lill-manifattur, b'rapport taż-żjara u, jekk test ikun twettaq, b'rapport tat-test.

5. Il-marka CE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

- 5.1. Il-manifattur għandu jwaha il-marka CE, u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat imsemmi fil-punt 3.1, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar ma' kull komponent individwali ta' sikurezza għal-liftijiet li jissodisfa l-kundizzjonijiet applikabbli msemmija f'punt 1.
- 5.2. Il-manifattur għandu jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u jżomm kopja tagħha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun ġie introdott fis-suq. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tidentifika l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li tkun saret għalih.

6. Il-manifattur għandu, għal perjodu li jintemm 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun ġie introdott fis-suq, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

(a) id-dokumentazzjoni teknika li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.1(f);

(b) id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.1(e);

(c) l-informazzjoni relatata mal-bidla li hemm referenza dwarha fil-punt 3.5;

(d) id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat li hemm referenza dwarhom fit-tielet paragrafu tal-punt 3.5 u l-punti 4.3 u 4.4.

7. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità notifikanti tiegħu bid-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità maħruġa jew irtirata(i), u, għandu, perjodikament jew wara talba, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti tiegħu, il-lista tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni irrifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra bid-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkun irrifjuta, issospenda jew irtira u, wara talba, bid-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni maħruġa minnu.

Jekk jintalab jagħmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkunu nħarġu.

8. **Ir-rappreżentant awtorizzat**

L-obbligi tal-manifattur stabbiliti fil-punti 3.1, 3.5, 5 u 6 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

ANNEX VII

KONFORMITÀ BBAŻATA FUQ ASSIGURAZZJONI SĦIĦA TAL-KWALITÀ GĦALL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJJET

(modulu H)

1. Il-konformità bbażata fuq assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jivvaluta s-sistema ta' kwalità ta' manifattur sabiex jiżgura li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet huma ddisinjati, manifatturati, ispezzjonati u ttestjati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza tal-Anness I u biex jippermettu li l-lift li miegħu jkun inkorporati b'mod korrett jissodisfa dawk ir-rekwiżiti.

2. L-obbligi tal-manifattur

Il-manifattur għandu jħaddem sistema approvata ta' kwalità għad-disinn, il-manifattura, l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet kif speċifikat fil-punt 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

3. Sistema ta' kwalità

3.1. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-istima tas-sistema tiegħu tal-kwalità ma' korp notifikat wieħed tal-għażla tiegħu. L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
- (b) l-indirizz tal-post fejn il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet huma ddisinjati, immanifatturati, ispezzjonati u ttestjati;
- (c) l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jridu jiġu mmanifatturati;
- (d) id-dokumentazzjoni teknika deskritta fil-punt 3 tal-Anness IV, Parti A, għal mudell wieħed ta' kull kategorija ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li jrid jiġi mmanifatturat;
- (e) id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' kwalità;
- (f) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġietx ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor.

3.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tiżgura l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet mal-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1. L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispozzjonijiet kollha adottati mill-manifattur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fl-għamla ta' politiki, proċeduri u istruzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, pjanti, manwali u reġistri.

Għandu jkun fiha, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

- (a) il-miri tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u l-poteri tal-amministrazzjoni fir-rigward tad-disinn u l-kwalità tal-prodott;
- (b) l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tekniku, inklużi standards, li għandhom ikunu applikati u, fejn l-istandards armonizzati rilevanti mhumiex se jiġu applikati jew applikati kollha kemm huma, il-mezzi, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, li se jkun użati biex jiġi assigurat li l-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1 se jintlaħqu;
- (c) il-kontroll tad-disinn u t-teknika tal-verifika tad-disinn, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiki li jiġu użati meta jkun qed jiġu ddisinjati l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet;
- (d) it-teknika korrispondenti dwar manifattura, kontroll ta' kwalità u assigurazzjoni ta' kwalità, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiki li jkun se jintużaw;
- (e) l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom jitwettqu qabel, matul u wara l-manifattura, u l-frekwenza li biha dawn għandhom jitwettqu;

(f) ir-reġistri ta' kwalità, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dettalji dwar it-testijiet, id-dettalji ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati;

(g) il-mezzi ta' sorveljanza dwar il-kisba tad-disinn meħtieġ u l-kwalità tal-prodott u l-operat effettiv tas-sistema ta' kwalità.

- 3.3. Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema tal-kwalità biex jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.2. Għandha tkun preżunta l-konformità ma' dawn il-ħtiġijiet fir-rigward tal-elementi tas-sistemi ta' kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat rilevanti.

Apparti l-esperjenza f'sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità, il-grupp tal-awdituri għandu jkollu mill-anqas membru wieħed b'esperjenza ta' stima fit-teknoloġija kkonċernata tal-lift u għarfien tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I. L-eżerċizzju ta' awditjar għandu jinkludi żjara ta' valutazzjoni fil-post tal-manifattur.

It-tim ta' awditjar għandu jirriedi d-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3.1(d) biex jivverifika l-abbiltà tal-manifattur li jidentifika r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I u li jagħmel l-eżamijiet meħtieġa bl-għan li jiżgura l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ma' daww ir-rekwiżiti.

Id-deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-manifattur u, fejn xieraq, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-awditjar u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

- 3.4. Il-manifattur għandu jintrabat li jwettaq l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema ta' kwalità kif approvata u li jżommha sabiex tibqa' adegwata u effiċjenti.

- 3.5. Il-manifattur għandu jżomm lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità, infurmat b'kull tibdil maħsub fis-sistema ta' kwalità.

Il-korp notifikat għandu jistma l-modifikazzjonijiet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema modifikata ta' kwalità hijiex se tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.2 jew jekk hijiex neċċessarja stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika lill-manifattur bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat

- 4.1. L-iskop tas-sorveljanza huwa li jkun żgur li l-manifattur iwettaq kif suppost l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema approvata ta' kwalità.

- 4.2. Il-manifattur għandu, għal skopijiet ta' valutazzjoni, jippermetti lill-korp notifikat aċċess għad-disinn, il-manifattura, l-ispezzjoni, it-testijiet u l-lokalitajiet ta' ħażna u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

(a) id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità;

(b) ir-reġistri ta' kwalità li jkunu disponibbli fil-parti tad-disinn fis-sistema ta' kwalità, bħalma huma r-riżultati tal-analiżi, il-kalkolazzjonijiet, it-testijiet.

(c) id-dokumentazzjoni teknika għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet immanifatturati;

(d) ir-reġistri ta' kwalità li hemm provdut dwarhom fil-parti tal-manifattura tas-sistema ta' kwalità, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dejta dwar it-testijiet, id-dejta ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati.

- 4.3. Il-korp notifikat għandu jwettaq eżerċizzji ta' awditjar perjodiċi biex jassigura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport ta' awditjar.

- 4.4. B'żieda, il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat għall-għarrieda lill-manifattur. Fil-waqt ta' dawn iż-żjarat, il-korp notifikat jista', fejn meħtieġ, iwettaq testijiet jew jara li dawn jitwettqu sabiex jivverifika l-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kwalità. Għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport taż-żjara u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-test.

5. Il-marka CE u d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE

- 5.1. Il-manifattur għandu jwajhhal il-marka CE, u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat imsemmi fil-punt 3.1, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar ma' kull komponent individwali ta' sikurezza għal-liftijiet li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 1.
- 5.2. Il-manifattur għandu jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u jżomm kopja tagħha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun ġie introdott fis-suq. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tidentifika l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li tkun tfasslet għalih.
6. Il-manifattur għandu, għall-perjodu li jintemm 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun ġie introdott fis-suq, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

(a) id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.1(e);

(b) id-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3.1(d);

(c) l-informazzjoni relatata mal-bidla li hemm referenza dwarha fl-ewwel paragrafu tal-punt 3.5;

(d) id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat imsemmija fit-tielet paragrafu tal-punt 3.5 u fil-punti 4.3 u 4.4.

7. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità notifikanti tiegħu dwar id-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità maħruġa jew irtirati, u għandu, perjodikament jew wara talba, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti tiegħu l-lista ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni rifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra bid-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkun irrifjuta, issospenda jew irtira u, wara talba, bid-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni maħruġa minnu.

Jekk jintalab jagħmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkunu nħarġu.

Il-korp notifikat għandu jżomm kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni maħruġa, tal-annessi u taż-żidiet tagħhom, kif ukoll tad-dokumentazzjoni teknika għal 15-il sena mid-data ta' ħruġ tagħhom.

8. Ir-rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifattur stabbiliti fil-punti 3.1, 3.5, 5 u 6 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

ANNEX VIII

KONFORMITÀ BBAŻATA FUQ IL-VERIFIKA TAL-UNITÀ GĦAL-LIFTIJJET

(modulu G)

1. Il-konformità bbażata fuq il-verifika tal-unità hija l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha korp notifikat jivvaluta jekk lift jikkonformax mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

2. Obbligi tal-installatur

- 2.1. L-installatur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess ta' manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tal-lift mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.
- 2.2. L-installatur għandu japplika ma' korp notifikat uniku tal-għażla tiegħu għall-verifika tal-unità.

L-applikazzjoni għandu jkun fiha:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-installatur, u jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
 - (b) l-lokalità ta' fejn il-lift ikun ġie installat;
 - (c) dikjarazzjoni bil-miktub fis-sena li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor;
 - (d) id-dokumentazzjoni teknika.
3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti valutazzjoni tal-konformità tal-lift mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha mill-inqas dan li ġej:

- (a) deskrizzjoni tal-lift;
- (b) id-disinn u l-pjanti tal-manifattura u t-tpiġġijiet;
- (c) spjegazzjonijiet meħtieġa biex wieħed jifhem dawn it-tpiġġijiet u d-dijagrammi u t-tħaddim tal-lift;
- (d) lista tar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza kkunsidrati;
- (e) lista ta' standards armonizzati applikati bis-sħiħ jew parzjalment li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u, fejn dawn l-istandards armonizzati ma ġewx applikati, id-deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I, inkluża lista ta' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra applikati. Fil-każ ta' standards armonizzati applikati parzjalment, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika l-partijiet li ġew applikati;
- (f) kopja taċ-ċertifikati ta' eżami tat-tip tal-UE tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet inkorporati fil-lift;
- (g) ir-riżultati tal-kalkolazzjonijiet tad-disinn imwettqa mill-installatur jew għalih;
- (h) rapporti tat-test;
- (i) kopja tal-istruzzjonijiet imsemmija fil-punt 6.2 tal-Anness I.

4. Il-verifika

Il-korp notifikat magħżul mill-installatur għandu jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u l-lift u jagħmel it-testijiet xierqa kif stipulati fl-istandard(s) armonizzati rilevanti, jew testijiet ekwivalenti, biex tiġi kkontrollata l-konformità tiegħu mal-ħtijiet ta' saħħa u sikurezza essenzjali applikabbli stabbiliti fl-Anness I. It-testijiet għandhom jinkludu għall-inqas it-testijiet imsemmija fil-punt 3.3 tal-Anness V.

Jekk il-lift jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I, il-korp notifikat għandu joħroġ ċertifikat ta' konformità marbuta mat-testijiet imwettqa.

Il-korp notifikat għandu jimla l-paġni korrispondenti tar-reġistru msemmija fil-punt 6.2 tal-Anness I.

Jekk il-korp notifikat jirrifjuta li joħroġ iċ-ċertifikat ta' konformità, dan għandu jiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet tiegħu għal dan ir-rifjut u jindika l-miżuri korrettivi meħtieġa li għandhom jittieħdu. Meta l-installatur jerġa' japplika għall-verifika tal-unità hu għandu japplika għand l-istess korp notifikat.

Jekk jintalab jagħmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja taċ-ċertifikat ta' konformità.

5. Il-marka CE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE;

- 5.1. L-installatur għandu jwaħħal il-marka CE fil-kabina ta' kull lift li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza ta' din id-Direttiva u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat msemmi fil-punt 2.2, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar biswit il-marka CE fil-kabina ta' kull lift.
- 5.2. L-installatur għandu jfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull lift u jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq. Meta ssir talba għaliha, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE lill-awtoritajiet rilevanti.
6. L-installatur għandu jżomm mad-dokumentazzjoni teknika kopja taċ-ċertifikat ta' konformità għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin mid-data li fiha l-lift ikun ġie introdott fis-suq.

7. Ir-rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-installatur stipulati fil-punti 2.2 u 6 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, fismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

—

ANNEX IX

KONFORMITÀ TAT-TIP B'VERIFIKA KAŻWALI GĦAL KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJJET
(modulu C2)

1. Il-konformità mat-tip b'kontrolli każwali hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat iwettaq kontrolli fuq il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet biex jiżgura li dawn jikkonformaw mat-tip approvat kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli tal-Anness I u jippermettu li l-lift li jkunu inkorporati korrettament fih jissodisfa dawk ir-rekwiżiti.

2. Manifattura

Il-manifattur għandu jiehū l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-proċess tal-manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet manifatturati jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 1.

3. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għal kontroll każwali ma' korp notifikat uniku tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
- (b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor;
- (c) l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet immanifatturati;
- (d) l-indirizz tal-post fejn jista' jittieħed il-kampjun tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

4. Il-korp notifikat għandu jagħmel jew jara li jsiru verifiki fuq il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet matul intervalli każwali. Kampjun adegwat tal-komponenti finali ta' sikurezza għal-liftijiet, meħud minn fuq il-post mill-korp notifikat, għandu jkun eżaminat u t-testijiet xierqa kif stipulati fl-istandards armonizzati rilevanti, u/jew testijiet ekwivalenti stabbiliti fi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, għandhom jitwettqu biex jivverifikaw jekk il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 1. Fil-każijiet meta wieħed jew aktar mill-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet verifikati ma jkunux konformi, il-korp notifikat għandu jiehū l-miżuri xierqa.

Il-punti li għandu jingħata kont tagħhom meta ssir il-verifika tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għandhom ikunu definiti fi ftehim konġunt bejn il-korpi notifikati responsabbli għal din il-proċedura, waqt li jiġu kkunsidrati il-karatteristiċi essenzjali tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

Il-korp notifikat għandu jorhoġ ċertifikat ta' konformità mat-tip fir-rigward tal-eżamijiet u t-testijiet imwettqa.

Jekk jintalab jagħmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja taċ-ċertifikat ta' konformità mat-tip.

5. Il-marka CE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

- 5.1. Il-manifattur għandu jwajhhal il-marka CE, u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat imsemmi fil-punt 3, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar ma' kull komponent individwali ta' sikurezza għal-liftijiet li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 1.
- 5.2. Il-manifattur għandu jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u jżomm kopja tagħha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun ġie introdott fis-suq. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tidentifika l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li tkun tfasslet għalih.

6. Ir-rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifattur jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, fismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat. Rappreżentant awtorizzat m'għandux jissodisfa l-obbligi tal-manifattur li huma stabbiliti fil-punt 2.

ANNEX X

KONFORMITÀ MAT-TIP IBBAŻATA FUQ L-ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-PRODOTT GĦAL-LIFTIJET
(modulu E)

1. Il-konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jivvaluta s-sistema tal-kwalità tal-prodott ta' installatur sabiex jiżgura li l-liftijiet huma konformi mat-tip approvat kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE jew ma' lift iddisinjat u manifatturat taħt sistema ta' kwalità approvata skont l-Anness XI, u jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

2. **Obbligi tal-installatur**

L-installatur għandu jopera sistema approvata tal-kwalità għall-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-lift kif speċifikat fil-punt 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

3. **Sistema ta' kwalità**

- 3.1. L-installatur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-istima tas-sistema ta' kwalità użata minnu għal-liftijiet konċernati, ma' korp notifikat uniku tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-installatur, u jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
 - (b) l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-liftijiet li jridu jiġu installati;
 - (c) id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' kwalità;
 - (d) id-dokumentazzjoni teknika tal-liftijiet li jridu jiġu installati;
 - (e) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġietx ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor.
- 3.2. Skont is-sistema ta' kwalità, kull lift għandu jkun eżaminat u t-testijiet xierqa stipulati fl-istandards armonizzati rilevanti jew testijiet ekwivalenti għandhom jitwettqu sabiex tkun assigurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-installatur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat f'għamla ta' politiki, proċeduri u istruzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, pjanti, manwali u reġistri.

Għandu jkun fiha, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

- (a) il-miri tal-kwalità;
 - (b) l-istruttura tal-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-kwalità tal-prodott;
 - (c) l-eżami u t-testijiet li għandhom isir qabel ma jiġi introdott fis-suq, inklużi mill-anqas it-testijiet stipulati fil-punt 3.3 tal-Anness V;
 - (d) il-mezzi biex tiġi mmonitorjata l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità;
 - (e) ir-reġistri ta' kwalità, bħalma huma r-rapport ta' ispezzjoni u d-dejta dwar it-testijiet, id-dejta ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati.
- 3.3. Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema ta' kwalità biex jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.2. Għandha tkun preżunta konformità ma' dawk il-ħtiġijiet fir-rigward tal-elementi tas-sistemi ta' kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat rilevanti.

Il-grupp tal-awdituri għandu jkollu mill-anqas membru wieħed b'esperjenza ta' stima fit-teknoloġija kkonċernata tal-lift u b'għarfien tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I. L-eżerċizzju ta' awditjar għandu jinkludi żjara ta' valutazzjoni fil-post tal-installatur u żjara fuq is-sit tal-installazzjoni.

Id-deċiżjoni għandha tkun innotifikata lill-installatur. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-awditjar u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

- 3.4. L-installatur għandu jintrabat li jwettaq l-obbligi li joriġinaw mis-sistema ta' kwalità kif approvata u li jżommha sabiex din tibqa' adegwata u effiċjenti.
- 3.4.1. L-installatur għandu jżomm infurmat lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità b'kull tibdil maħsub għas-sistema.
- 3.4.2. Il-korp notifikat għandu jistma l-modifikazzjonijiet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema modifikata ta' kwalità hijiex se tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet imsemmija fil-punt 3.2 jew jekk hijiex neċessarja stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-installatur, jew fejn xieraq, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

Il-korp notifikat għandu jwahaħhal jew jassigura li jitwahaħhal, in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu biswit il-marka CE skont l-Artikoli 18 u 19.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat

- 4.1. L-għan tas-sorveljanza huwa li jiġi żgurat li l-installatur iwettaq kif suppost l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema approvata ta' kwalità.
- 4.2. L-installatur għandu għal skopijiet ta' valutazzjoni, jippermetti lill-korp notifikat aċċess għal-lokalitajiet ta' installazzjoni, ispezzjoni u tat-testijiet, u għandu jipprovdi bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:
 - (a) bid-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità;
 - (b) id-dokumentazzjoni teknika;
 - (c) ir-reġistri ta' kwalità, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dejta dwar it-testijiet, id-dejta ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati.
- 4.3. Il-korp notifikat għandu perjodikament iwettaq eżerċizzji ta' awditjar biex jassigura li l-installatur iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u għandu jipprovdi lill-installatur b'rapport tal-awditjar.
- 4.4. B'żieda, il-korp notifikat jista' jagħmel żjarat għall-għarrieda fis-siti tal-installazzjoni tal-lift.

Fil-waqt ta' dawn iż-żjarat, il-korp notifikat jista', fejn meħtieġ, iwettaq testijiet jew jara li dawn jitwettqu sabiex jivverifika l-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kwalità u tal-lift. Għandu jipprovdi lill-installatur b'rapport taż-żjara u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-test.

5. L-installatur għandu, għal 10 snin wara l-aħħar lift ikun ġie introdott fis-suq, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:
 - (a) id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.1(c);
 - (b) id-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3.1(d);
 - (c) l-informazzjoni relatata mal-bidla msemmija fil-punt 3.4.1;
 - (d) id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat imsemmija fit-tieni paragrafu tal-punt 3.4.2 u tal-punti 4.3 u 4.4.
6. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità notifikanti tiegħu dwar id-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità maħruġa jew irtirata(i), u għandu, perjodikament jew wara talba, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti tiegħu l-lista ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni rifutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra bid-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkun irrifjuta, issospenda jew irtira u, wara talba, bid-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni maħruġa minnu.

Jekk jintalab jagħmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkunu nħarġu.

7. Il-marka CE u d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE

7.1. L-installatur għandu jwahaħ il-marka CE fil-kabina ta' kull lift li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza ta' din id-Direttiva u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat imsemmi fil-punt 3.1, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar biswit il-marka CE fil-kabina ta' kull lift.

7.2. L-installatur għandu jfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull lift u jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq. Meta ssir talba għaliha, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE lill-awtoritajiet rilevanti.

8. Ir-rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-installatur stipulati fil-punti 3.1, 3.4.1, 5 u 7 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

—

ANNEX XI

KONFORMITÀ BBAŻATA FUQ ASSIGURAZZJONI SĦIĦA TAL-KWALITÀ KIF UKOLL EŻAMI TAD-DISINN GĦAL-LIFTS

(modulu H1)

1. Il-konformità bbażata fuq l-assigurazzjoni sħiħa ta' kwalità u l-eżami tad-disinn għal-liftijiet hija l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jivvaluta s-sistema ta' kwalità ta' installatur, u, fejn xieraq, id-disinn tal-liftijiet, biex jiżgura li l-liftijiet installati jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

2. **Obbligi tal-installatur**

L-installatur għandu jħaddem sistema approvata ta' kwalità għad-disinn, il-manifattura, l-immuntar, l-installazzjoni, l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-liftijiet kif speċifikat fil-punt 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4. L-adegwatezza tad-disinn tekniku tal-liftijiet għandu jkun għe eżaminat skont il-punt 3.3.

3. **Sistema ta' kwalità**

3.1. L-installatur għandu jagħmel applikazzjoni għall-istima tas-sistema tiegħu ta' kwalità mal-korp notifikat uniku tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-installatur, u jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
- (b) l-informazzjoni rilevanti kollha għal-liftijiet li jridu jiġu installati, b'mod partikolari informazzjoni li tippermetti għall-ftehim dwar ir-relazzjoni bejn id-disinn u l-operazzjoni tal-lift;
- (c) id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' kwalità;
- (d) id-dokumentazzjoni teknika deskritta fil-punt 3.3 tal-Anness IV, Parti B;
- (e) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx għet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor.

3.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tiżgura li l-liftijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I. L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-installatur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fl-għamla ta' politiki, proċeduri u istruzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, pjanti, manwali u reġistri ta' kwalità.

Għandu jkun fiha, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

- (a) il-miri tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni fir-rigward tad-disinn u l-kwalità tal-prodott;
- (b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inklużi standards li għandhom ikunu applikati u, fejn l-istandards armonizzati rilevanti mhumiex se jiġu applikati bis-sħiħ, il-mezzi, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra li se jintużaw biex jiġi assigurat li ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I ikunu sodisfatti;
- (c) it-teknika tal-kontroll tad-disinn u tal-verifika tad-disinn, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiki li se jintużaw meta jiġu iddisinjati l-liftijiet;
- (d) l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom jitwettqu mal-aċċettazzjoni tal-provvista tal-materjali, komponenti u subimuntar;
- (e) l-immuntar korrispondenti, l-installazzjoni, it-tekniki ta' kontroll tal-kwalità u assigurarazzjoni tal-kwalità, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiki li se jintużaw;
- (f) l-eżamijiet u t-testijiet li se jitwettqu qabel (ispezzjoni tal-kundizzjonijiet tal-installazzjoni: it-tromba, il-kamra tal-makkinarju, eċċ.), matul u wara l-installazzjoni inkluż mill-anqas it-testijiet stipulati fil-punt 3.3 tal-Anness V);

(g) ir-reġistri ta' kwalità, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dejta dwar it-testijiet, id-dejta ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati;

(h) il-mezzi għall-monitoraġġ tal-ilħuq tad-disinn meħtieġ u l-kwalità tal-prodott u l-operat effettiv tas-sistema ta' kwalità.

3.3. *Eżami tad-disinn*

3.3.1. Meta d-disinn ma jkunx kollu kemm hu skont l-istandards armonizzati, il-korp notifikat għandu jaċċerta jekk id-disinn ikunx konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I u, jekk ikun, joħroġ ċertifikat tal-eżami tad-disinn tal-UE lill-installatur, waqt li jiddikjara l-limiti tal-validità taċ-ċertifikat u jagħti d-dettalji meħtieġa għall-identifikazzjoni tad-disinn approvat.

3.3.2. Jekk id-disinn ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I, il-korp notifikat għandu jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-UE u għandu jinforma lill-installatur dwar dan, filwaqt li jagħti r-raġunijiet dettaljati għar-rifjut tiegħu.

Il-korp notifikat għandu jżomm lill-informati dwar kull tibdil fl-aktar teknoloġija avvanzata rikonoxxuta b'mod ġenerali li tindika li d-disinn approvat jista' ma jibqax konformi mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I, u għandu jiddetermina jekk dan it-tibdil jirrikjedix investigazzjoni ulterjuri. Jekk ikun il-każ, il-korp notifikat għandu jinforma lill-installatur dwar dan.

3.3.3. L-installatur għandu jżomm informati lill-korp notifikat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-UE dwar kull modifika lid-disinn approvat li tista' taffettwa l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I jew il-kundizzjonijiet tal-validità taċ-ċertifikat. Dawn il-modifiki għandhom jirrikjedu approvazzjoni addizzjonali, mill-korp notifikat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-UE, fl-għamla ta' żieda maċ-ċertifikat oriġinali ta' eżami tad-disinn tal-UE.

3.3.4. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità notifikanti tiegħu rigward iċ-ċertifikati tal-eżami tad-disinn tal-UE u/jew kull żieda magħhom li jkun ħareġ jew irtira, u għandu, perjodikament jew wara talba, jagħmel disponibbli lill-awtorità notifikanti tiegħu l-lista ta' ċertifikati tal-eżami tad-disinn tal-UE u/jew kull żieda magħhom li jkun irrifjuta, issospenda, jew b'xi mod ieħor illimita.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti l-oħra dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tad-disinn tal-UE u/jew kull żieda magħhom li jkun irrifjuta, irtira, issospenda jew b'xi mod ieħor illimita, u, wara talba, dwar iċ-ċertifikati u/jew iż-żidiet magħhom maħruġa minnu.

Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi notifikati l-oħra jistgħu, wara talba, jiksbu kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tad-disinn tal-UE u/jew iż-żidiet magħhom. Wara talba, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja tad-dokumentazzjoni teknika u tar-riżultati tal-eżamijiet imwettqa mill-korp notifikat.

3.3.5. L-installatur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tad-disinn tal-UE, l-annessi u iż-żidiet tiegħu, kif ukoll id-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq.

3.4. *Valutazzjoni tas-sistema ta' kwalità*

Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema ta' kwalità biex jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.2. Għandha tkun preżunta l-konformità ma' dawk il-ħtiġijiet fir-rigward tal-elementi tas-sistemi ta' kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat rilevanti.

Il-grupp tal-awdituri għandu jkollu mill-anqas membru wieħed b'esperjenza ta' stima fit-teknoloġija kkonċernata tal-lift u b'għarfien tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I. L-eżerċizzju ta' awditjar għandu jinkludi żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-installatur u żjara fuq is-sit tal-installazzjoni.

It-tim ta' awditjar għandu jirrivedi d-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3.1(d), biex jivverifika l-abbiltà tal-installatur li jidentifika r-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I u li jagħmel l-eżamijiet meħtieġa bl-għan li jassigura l-konformità tal-lift ma' dawk ir-rekwiżiti.

Id-deċiżjoni għandha tkun innotifikata lill-installatur jew, fejn xieraq, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

- 3.5. L-installatur għandu jintrabat li jissodisfa l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema ta' kwalità kif approvata u li jżommha sabiex din tibqa' adegwata u effiċjenti.

L-installatur għandu jżomm infurmat lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità b'kull tibdil maħsub għas-sistema.

Il-korp notifikat għandu jistma l-modifikazzjonijiet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema modifikata ta' kwalità hijiex se tibqa' tissodisfa l-ħtiġijiet imsemmija fil-punt 3.2 jew jekk hijiex neċessarja stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-installatur, u fejn xieraq, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

Il-korp notifikat għandu jwahaħhal jew jassigura li jitwahaħhal, in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu biswit il-marka CE skont l-Artikoli 18 u 19.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat

- 4.1. L-iskop tas-sorveljanza huwa li jiġi żgurat li l-installatur iwettaq kif suppost l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema approvata ta' kwalità.

- 4.2. L-installatur għandu, għal skopijiet ta' valutazzjoni, jippermetti lill-korp notifikat aċċess għad-disinn, il-manifattura, l-immuntar, l-installazzjoni, l-ispezzjoni, it-testijiet u lokalitajiet tal-ħażna, u li jipprovdi bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

(a) bid-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità;

(b) ir-reġistri ta' kwalità li jkunu previsti fil-parti tad-disinn fis-sistema ta' kwalità, bħalma huma r-riżultati tal-analiżi, il-kalkolazzjonijiet, it-testijiet;

(c) reġistri ta' kwalità li jkunu previsti fil-parti tas-sistema tal-kwalità dwar l-aċċettazzjoni tal-provvista u tal-installazzjoni, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dejta dwar it-testijiet, id-dejta ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati.

- 4.3. Il-korp notifikat għandu jwettaq eżerċizzji ta' awditjar perjodiċi biex jassigura li l-installatur iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u għandu jipprovdi rapport tal-eżerċizzju ta' awditjar lill-installatur.

- 4.4. B'żieda, il-korp notifikat għandu jagħmel żjarat għall-għarrieda fil-bini tal-installatur jew fuq is-sit tal-installazzjoni ta' lift. Fil-waqt ta' dawn iż-żjarat, il-korp notifikat jista', fejn ikun meħtieġ, iwettaq testijiet jew jara li dawn jitwettqu sabiex jivverifika l-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kwalità. Dan għandu jipprovdi lill-installatur b'rapport taż-żjara u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport tat-test.

5. L-installatur għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal perjodu li jintemm 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq:

(a) id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.1(c);

(b) id-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3.1(d);

(c) l-informazzjoni relatata mal-bidliet msemmija fit-tieni paragrafu tal-punt 3.5;

(d) id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat li hemm referenza dwarhom fir-raba' paragrafu finali tal-punt 3.5 u tal-punti 4.3 u 4.4.

6. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità notifikanti tiegħu dwar xi deċiżjoni jew deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li nħarġu jew ġew irtirati, u għandu, perjodikament jew wara talba, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti tiegħu l-lista ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni li kienu maħruġa, rifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra bid-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkun irrifjuta, issospenda jew irtira u, wara talba, bid-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni maħruġa minnu.

Il-korp notifikat għandu jżomm kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni maħruġa, tal-annessi u taż-żidiet tagħhom, kif ukoll dokumentazzjoni teknika għal 15-il sena mid-data ta' ħruġ tagħhom.

Jekk jintalab jaġhmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkunu nħarġu.

7. Il-marka CE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

7.1. L-installatur għandu jwaha il-marka CE fil-kabina ta' kull lift li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza ta' din id-Direttiva u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat imsemmi fil-punt 3.1, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar biswit il-marka CE fil-kabina ta' kull lift.

7.2. L-installatur għandu jfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull lift u jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq. Meta ssir talba għaliha, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE lill-awtoritajiet rilevanti.

8. Ir-rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-installatur stipulati fil-punti 3.1, 3.3.3, 3.3.5, 5 u 7 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

—

ANNEX XII

KONFORMITÀ MAT-TIP IBBAŻATA FUQ ASSIGURAZZJONI TA' KWALITÀ TAL-PRODUZZJONI GĦAL-LIFTIJIET
(modulu D)

1. Il-konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni għal-liftijiet hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jivvaluta s-sistema tal-kwalità tal-produzzjoni ta' installatur sabiex jiżgura li l-liftijiet installati huma konformi mat-tip approvat kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE jew ma' lift iddisinjat u manifatturat skont sistema ta' kwalità approvata skont l-Anness XI, u jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

2. **Obbligi tal-installatur**

L-installatur għandu jħaddem sistema approvata ta' kwalità għall-manifattura, l-immuntar, l-installazzjoni, l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-liftijiet kif speċifikat fil-punt 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

3. **Sistema ta' kwalità**

- 3.1. L-installatur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-istima tas-sistema tiegħu ta' kwalità tal-produzzjoni lil korp notifikat uniku tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-installatur, u jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;
 - (b) l-informazzjoni rilevanti kollha għal-liftijiet li jridu jiġu installati;
 - (c) id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' kwalità;
 - (d) id-dokumentazzjoni teknika tal-liftijiet li jridu jiġu installati;
 - (e) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġietx ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor.
- 3.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tassigura l-konformità tal-liftijiet mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-installatur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat f'għamla ta' politiki, proċeduri u istruzzjonijiet bil-miktub. Is-sistema ta' dokumentazzjoni ta' kwalità għandha tippermetti l-interpretazzjoni konsistenti tal-kwalità tal-programmi, il-pjanti, il-manwali u r-reġistri.

Għandu jkun fiha, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

- (a) il-miri tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-prodott;
 - (b) it-tekniki korrispondenti dwar il-manifattura, il-kontroll ta' kwalità u l-assigurazzjoni ta' kwalità, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiki li jkunu sejrjn jintużaw;
 - (c) l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom jitwettqu qabel, matul u wara l-ispezzjoni;
 - (d) ir-reġistri tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti tal-ispezzjoni u d-dejta dwar it-testijiet, id-dejta ta' kalibrizzjoni, rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati;
 - (e) il-mezzi ta' monitoraġġ għall-kisba tal-kwalità meħtieġa tal-prodott u l-operat effettiv tas-sistema ta' kwalità.
- 3.3. Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema ta' kwalità biex jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.2. Għandha tkun preżunta l-konformità ma' dawk il-ħtiġijiet fir-rigward tal-elementi tas-sistema ta' kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat rilevanti.

Il-grupp tal-awdituri għandu jkollu mill-anqas membru wieħed b'esperjenza ta' stima fit-teknoloġija kkonċernata tal-lift u b'għarfien tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

L-eżerċizzju ta' awditjar għandu jinkludi żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-installatur kif ukoll żjara fuq is-sit ta' installazzjoni.

Id-deċiżjoni għandha tkun innotifikata lill-installatur. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-awditjar u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

3.4. L-installatur għandu jintrabat li jissodisfa l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema ta' kwalità kif approvata u li jżommha sabiex din tibqa' adegwata u effiċjenti.

3.4.1. L-installatur għandu jżomm infurmat lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità b'kull tibdil maħsub għas-sistema.

3.4.2. Il-korp notifikat għandu jistma l-modifikazzjonijiet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema modifikata ta' kwalità hijiex se tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom fil-punt 3.2 jew jekk hijiex neċessarja stima mill-ġdid.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-installatur, jew fejn xieraq, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

Il-korp notifikat għandu jwajhhal, jew jara li jitwajhhal, in-numru tiegħu ta' identifikazzjoni ma' ġenb il-marka CE skont l-Artikoli 18 u 19.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat

4.1. L-iskop tas-sorveljanza huwa li jkun żgurat li l-installatur jwettaq kif suppost l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema approvata ta' kwalità.

4.2. L-installatur għandu, għal skopijiet ta' valutazzjoni, jippermetti lill-korp notifikat aċċess għall-lokalitajiet tal-manifattura, l-immuntar, l-installazzjoni, l-ispezzjoni, it-testijiet u dawk tal-ħażna, u għandu jipprovdi bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

(a) bid-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità;

(b) id-dokumentazzjoni teknika;

(c) ir-reġistri ta' kwalità, b'halma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dejta dwar it-testijiet, id-dejta ta' kalibrizzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati.

4.3. Il-korp notifikat għandu jwettaq eżerċizzji ta' awditjar perjodiċi biex jassigura li l-installatur iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u għandu jipprovdi lill-installatur b'rapport tal-eżerċizzju ta' awditjar.

4.4. B'żieda, il-korp notifikat jista' jaġmel żjarat għall-għarrieda lill-installatur. Matul dawn iż-żjarat il-korp notifikat jista', fejn ikun meħtieġ iwettaq testijiet, jew jara li jitwettqu, biex jivverifika li s-sistema tal-kwalità tkun tiffunzjona sewwa. Il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-installatur b'rapport taż-żjara u, jekk ikunu twettqu testijiet, b'rapport dwar it-test.

5. L-installatur għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal perjodu li jintemm 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq:

(a) id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.1(c);

(b) id-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3.1(d);

(c) l-informazzjoni relatata mal-bidliet msemmija fil-punt 3.4.1;

(d) id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat imsemmija fit-tieni paragrafu tal-punt 3.4.2, u f'punti 4.3 u 4.4.

6. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità notifikanti tiegħu dwar xi deċiżjoni jew deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tas-sistema tal-kwalità tal-produzzjoni li nħarġu jew li ġew irtirati, u għandu, perjodikament jew wara talba, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti tiegħu l-lista ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni li ġewrifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra bid-deċiżjoni jew deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkun irrifjuta, issospenda jew irtira u, wara talba, bid-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni maħruġa minnu.

Jekk jintalab jaġmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja tad-deċiżjoni jew deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkunu nħarġu.

7. Il-marka CE u d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE

- 7.1. L-installatur għandu jwahaħ il-marka CE fil-kabina ta' kull lift li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza ta' din id-Direttiva u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat imsemmi fil-punt 3.1, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar biswit il-marka CE fil-kabina ta' kull lift.
- 7.2. L-installatur għandu jfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull lift u jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-lift ikun ġie introdott fis-suq. Meta ssir talba għaliha, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE lill-awtoritajiet rilevanti.

8. Ir-rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-installatur stipulati fil-punti 3.1, 3.4.1., 5 u 7 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

ANNEX XIII

PARTI A

Id-Direttiva mħassra b'lista tal-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 47)

Id-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(ĠU L 213, 7.9.1995, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Il-punt 10 tal-Anness I biss

(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1)

Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill L-Artikolu 24 biss

(ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24)

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Il-punt (i) tal-Artikolu 26(1) biss

(ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)

PARTI B

Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati tal-applikazzjoni

(imsemmija fl-Artikolu 45)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data tal-applikazzjoni
95/16/KE	fl-1 ta' Jannar 1997.	fl-1 ta' Lulju 1997.
2006/42/KE, l-Artikolu 24	fid-29 ta' Ġunju 2008.	fid-29 ta' Diċembru 2009.

ANNEX XIV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Id-Direttiva 95/16/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1(1)	L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)
—	It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1)
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(2)	Artikolu 2(1)
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(2)	Artikolu 1(1)
It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2)	
Artikolu 1(3)	Artikolu 1(2)
L-ewwel inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4)	Artikolu 2(6)
It-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4)	Artikolu 2(5)
Ir-raba' inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4)	Artikolu 2(7)
Il-ħames inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4)	Artikolu 2(3)
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(4)	Artikolu 16(3)
It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(4)	Artikolu 16(4)
Artikolu 1(5)	Artikolu 1(3)
—	Artikolu 2(1)
L-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(1)	Artikolu 4(1)
It-tieni inċiż tal-Artikolu 2(1)	Artikolu 4(2)
Artikolu 2(2)	Artikolu 6(1)
Artikolu 2(3)	Artikolu 6(2)
Artikolu 2(4)	Artikolu 3(3)
Artikolu 2(5)	Artikolu 3(2)
Artikolu 3, l-ewwel paragrafu	Artikolu 5(1)
Artikolu 3, it-tieni paragrafu	Artikolu 5(2)
Artikolu 4(1)	Artikolu 3(1)
Artikolu 4(2)	—
—	Artikoli 7 sa 14
Artikolu 5(1)	Artikolu 14
Artikolu 6(1) u (2)	—
Artikolu 6(3) u (4)	Artikolu 42
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1)	Artikolu 38(1)
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1)	Artikolu 38(5)
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(2)	Artikolu 39(3)
Artikolu 7(3)	
Artikolu 7(4)	Artikolu 40(4)

Id-Direttiva 95/16/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 8(1)(a)	Artikolu 15
Artikolu 8(1)(b) u (c)	—
Artikolu 8(2)	Artikolu 16
L-ewwel u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 8(3)	Artikolu 17(2) u Artikolu 19(3)
It-tieni inċiż tal-Artikolu 8(3)	Artikolu 7(3)
Artikolu 8(4)	—
Artikolu 8(5)	Artikolu 12
Artikolu 9(1)	Artikolu 20
Artikolu 9(2)	—
Artikolu 9(3)	Artikolu 30(1)
Artikolu 10(1)	—
Artikolu 10(2)	Artikolu 19(1)
Artikolu 10(3)	—
Artikolu 10(4)(a)	Artikolu 41(1)(a)
Artikolu 10(4)(b)	—
Artikolu 11	—
—	Artikolu 43
Artikolu 12	—
Artikolu 13	—
Artikolu 14	—
Artikolu 15(1) u (2)	—
Artikolu 15(3)	Artikolu 45(2)
Artikolu 16	Artikolu 46
Artikolu 17	Artikolu 49
Anness I	Anness I
Parti A tal-Anness II	Parti A tal-Anness II
Parti B tal-Anness II	Parti B tal-Anness II
Anness III	Artikolu 18
Anness IV	Anness III
Il-Parti A tal-Anness V	Il-Parti A tal-Anness IV
Il-Parti B tal-Anness V	Il-Parti B tal-Anness IV
Anness VI	Anness V
Anness VII	—
Anness VIII	Anness VI
Anness IX	Anness VII

Id-Direttiva 95/16/KE	Din id-Direttiva
Anness X	Anness VIII
Anness XI	Anness IX
Anness XII	Anness X
Anness XIII	Anness XI
Anness XIV	Anness XII
—	Anness XIII
—	Anness XIV

DIKJARAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew iqis li huwa biss meta u sakemm atti ta' implimentazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 jiġu diskussi fil-laqgħat tal-kumitati, li dawn tal-aħħar jistgħu jitqiesu bħala "kumitati ta' komitoloġija" fis-sens tal-Anness I tal-Qafas ta' Ftehim dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Il-laqgħat tal-kumitati, għaldaqstant, jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-punt 15 tal-Qafas ta' Ftehim meta u sakemm jiġu diskussi kwistjonijiet oħra.
